# IL BIDUI

## PERIODICU AGRICOLU-INDUSTRIALI

*MINGHAIR PARTIT—Mimli b'kari onest ghall'idejn cullħatt.*

MAHRUG MIN

The Chilean Nitrate Committee, 53, Strada San Vincenzo Sliema, Malta.

Editur u Direttur Onorariu C. ZAMMIT MARMARÀ F.R.H.S.

No. 3. Circulazioni 7,000 Copia.




*Gheziez Karrezja Bdieua, Giardinari, Delettanti u oħrajn li ghandchom xtaksmu direttament jeu indirettament mal biedja.*

Li studiu tan-natura hu l'isbaħ studiu u studiu ta piacir cbir ghal dauc li jghaddu ħajjithom fieħ, u li jitghallmu min dan li studiu il misteri tant sbieħ tan-natura. Izda in-natura ma turix malair u hafif is-segrieti taħħa, u billi jinħtieġ tfittxija b'ghakal cbir, schejjel, laboratorji u Società xientifici geu imuakkfa maddinja collha jghallmu lil bidui *ghaliex* u *chif* ghanda is-sir il ħidma ta l'art. Ix-xienza u'l prattica jinħtieġ li jimxu id f'id biex id-dinja tcompli miexia il kuddiem. Fost il ħafna nies li kgħed jinteressau ruħħom fl'agricoltura hemm bosta li jictbu u juru il manieri li biħom ghandna niccultivau ir-raba billi nekerdu il mard min fuk il prodotti, u ngheinu biex neħelsu l'agricultura mil fakar li tinsab fieħ! Sa haun fimmna seuua, izda fejn hu id-dmir taghna ?

Bħal ma gia ghedna ix-xienza ittina l'ideat taħħa izda jinħtieg li daun l'ideat jimbidlu fi prattica. Uara li aħna ħlejna bosta snin minghair ma taina cas tal progressi li saru jidrilchom li nistau naħlu minuta oħra biss? Xghol jinħtieġ ma l'ideat, inchella katt ma nghamlu xejn, u ta dan icolna inħalsu uisk jebes. L'agricoltura ta pajjisna, ghalchemm saru *xi ftit* progressi, bakghat uisk l'ura. Fost il professionijet collha dic ta l'Agricoltura uisk u uisk ftit tircievi attenzioni. Akbdu dakxejn f'ideichom il giurnali ta culljum, ta cull gimgha u periodici oħra, fihom issibu bosta pagini mimlija bil pulitica aħbarijet ta guerer, causi, glied, loghob cummerc, navigazioni, modi ta 'lbies u bosta affarijet oħra izda fuk l'Agricoltura propiu xejn; u, jecc xi darba tintaka fihom ma xi ħagia fuk dan is-suggett, dina tcun fil kasir chemm jista icun u uara li tigi ippublicata tmut is-solita meuta !

X'contu tghamlu gheziez ħbieb

taghana li ma chelcomx "Il Bidui" li itichom f'ideichom l'aħjar taghalim? Izda — mil banda l'oħra — chemm min dac li jghallimchom "Il Bidui" kghedin izzommu fraschom u tapplicauħ fil prattica?

L'Agricoltura tal-lum tbiddlet bħalleji min-nhar. L'Agricoltura tal-lum ma tfissirx izied xoghol mghamul chif gie gie, izda xoghol bil ghakal — *xoghol mghamul bil ħsieb!*

L'interess li jeħu il bidui quasi katt ma icun f'ħag'oħra ħlief fix-xoghol tar-raba u'l ħajja semplici ta campanjol; hu uisk rar jati cas ta dac li kghed is-sib ix-xienza b'taħbit u studiu cbir. Izda ghal dauc li *jixtieku* l'Agricoltura timxi li kuddiem, din ix-xeuka ghanda issir ambizzioni. Ejja ilcoll nifmhu tajjeb chemm jisua ix-xoghol tal bidui, li il bidu tieghеu ghamel il bazi tal progress sa mil bidu tad-dinja u li il frott li ħadna minnhu — sal giurnata tallum — zamm il popolazioni tad-dinja colla! Ejja ghaziz karrej, nekerdu l'injoranza u'l conservatismu u nimxu il kuddiem fit-triek tal Progress. Id-dinja miexia il kuddiem, jecc aħna ma nimxux maħħa nibkau l'ura *ueħedna.* Xoghol solidu u onest jienħtieġ biex incunu accuistaina il progress fl'agricoltura. Jecc uieħed jaf li l'art m'hix it-tieħ l'gheixien tieghu biz-zejjed — dan m'ghandux jakta kalbu. Hemm bzonn jaħseb illi l'akua ghana jinsab fl'art, u l'art hi pronta biex it-tieħ dac l'ghana jecc hu pront biex jaħdima chif ghandu icun! L'Agricoltura xientifica kgheda tħabbattlec il bieb, iftħila u hi tcun tieghec.

Il bdieuа taghna, disgraziatament iħarsu lejn l'agricoltura bħala ħagia li ma tifdix, u bosta minnhom jippreferixxu ighallmu lill'uliedhom ħag'oħra, mentri li hu l'agricoltur li id-dinja collha tilka b'derajgha miftuħa — *l'agricoltur modern!*

Il bidui li jghamel l'uzu collu possibbili min dac li is-sib ix-xienza isib l'icbar piacir fil prodott isbaħ li jeħu bħala risultat ta l'ghakal tieghеu. Forsi il bexx ghal patata bil mistura tal cupru ma isalvax il prodott? Forsi l'uzu tad-demel artificiali *Nitrat tas-soda* ma jatix prodotti ectar bil cotra? Fl'Agricoltura ma jistax icun hemm progress kabel il bidui ma jimxi ftit il kuddiem, jecc indumu izied f'dan l'ghama, il bidui taghna isib ruħu mibrum b'mod li ma icunx jista jigi ftieghu ħafif ħafif. Jecc il bdieŭa taghna jibkau cull sena jitilfu flus mill prodotti taħħom causa ta microbi u cull xorta ta mard, x'jigri? Fakar, rovina u disimpieghi ghal bosta nies!!!

Ghaziz bidui — inti tista tigi il kuddiem, inti tista tcun bidui modern, tista icolloc prodotti icbar, tista iggighel l'art ittic dac il ghana li fgha; izda dan tista biss taghamlu billi tghamel attenzioni, takra u *tghamel* dac li issib f'dan il peridiocu li jena b'taħbit m'hux zgheir, kieghed inkghedlec f'idejch!

## CHELMTEJN FUK IL LUMMIJA
*(Citrus Limonum.)*

—

Il-lummija jissopponu li inħolkot bejn il gholiet ta Kumaon u Sikkim fl'India.

Milli jidher, il-lummija ma chienitx mgharufa mil l'antichi Grieghi u Romani, u giet imdaħħla fi Spanja mill'gharab bejn is-secoli 12 u 13. Dan iz-zmien tinsab cultivata mannaħħiet tal Mediterran, fi Spanja u Portugal, California u Florida, u quasi fil pajjisi tropical u sotto-tropical collha. Risso u Poiteau isemmu 47 varietà ta lumi, ghalchemm izommu bħala ħagia apparti il Lumicella *(Citrus Limetta)* bi tmien varietà u il-lumi ħelu (*C. Lumia*) bi 12 il varietà.



*Chif jintata in-Nitrat ghas-sigar.*
L'abiad ta ma duar is-sigra juri fejn ghandu jigi imxerred in-Nitrat.

Il-lummija hi actar delicata mill' aring, ghalchemm scond ma jgheid Humboldt, it-trejn iridu temperatura ta 62 grad Fahr; tmur l'aħjar ħdejn xi ħait ftit delli.

Il-lummija, bħas-Sigiar l'oħra ta l'Agrumi, jinħtigila l'ilma, l'ectarnett fi stagiun xott. L'euuel tiskija ghanda issir ghal ħabta ta nofs Guniu, u tibka tissakka cull ħmistax il giurnata jeu 3 gimghat sa chemm tibda ix-xita. Jecc ix-xita tcun uakfet cmieni icun uisk ta gid jecc it-tiskija tibda ghall'inkas minn xahar kabel. L'ilma ghandu jintaka fi quantità biz-zejjed li jinzel fond u jilħak l'gheruk collha.

Ftit uisk ilma jghamel ectar deni min gid.

L'art ma duar il-lummija ghanda tinzamm nadifa mil ħaxix ħazin. It-trab ghandu jigi mghazuk ghall'inkas darbtejn fix-xitua u darba ghall'April.

Zabra ghanda issir ghall'inkas cull 3 snin, (min Mejju sa Settembru).

Tidmil ghandu isir ucoll cull tliet snin u jinħtieġ li icun demel tajjeb m'hux demel miġbur mid-diar jeu mit-torok.

In-Nitrat tas-Soda hu tajjeb uisk ghal lumi.

Risultati uisk sbieħ it-tieħdu fejn in-Nitrat gie mghoti hecc:

Tliet quarti ta libbra Nitrat tas-soda, imxerred ma duar is-sigra (xi pied boghod miz-zocc) f'bidu Dicembru, u tergia tati li stess quatità f'nofs Jannar.

Nofs libbra Nitrat ghal ħabta ta

l'aħħar ta Giugnu (mat-tieni tiskija) u nofs libbra oħra ghal ħabta ta nofs Auissu, (mar-raba tiskija.)

UZA IN-NITRAT TAS-SODA GHAL LUMI U GHARA ID-DIFFERENZA FIL FROTT !!!

## Il Cultivazioni tad-Duieli Americani u It-Taħuil tar-Raba bid-Duieli Imlakkmin Fuk Duieli Americani

—

*Mictub min John Briffa M.B.E. mill'ufficiu tal Biedia.*

— —

Iz-zmien ta ma duar ħamsin sena min mindu il Filossera daħlet f'Europa, uriena bic-ciar li l'aħjar u l'eħfef mezz biex is-salva id-duieli mil ħsara tal Filossera hu li tilka l'attacc ta dan l'insett per mezz tad-duieli Americani.

Id-duieli Americani u Ibridi-Americani ma ibatux mil Filossera bħad-duieli taghna, u ghalchem jimtessu bigha, imma ma iħossugha xejn, jigifieri il Filossera tmiss ucoll l'gheruk tad-duieli Americani, izda din m'hux biss ma toktolhomx, imma la l'gheruk u l'ankas ix-xitla ma juru sinjal ta mard u l'ankas ħsara; izda billi id-duieli Americani m'humiex tal frott, jinħtieg li jitlakkmu bid-duieli taghna. Ghaldakshecc, illum-il-giurnata li tinsab maghna il Filossera, jeħtieg inħaulu iz-zargiun jeu ix-xtieli tad-duieli Americani imbaghad inlakmunom bid-duieli taghna scont il qualità li nixtieku.

Ir-razez tad-duieli Americani huma bosta izda ftit hem minnhom li jaqblu seuua ma l'art taghna. L'artijet taghna ftit jeu uisk collha fighom gir iz-zejjed u ħagia ghar, il biccia il cbira tal gir li fighom jinħall malair ma l'ilma. Ghaldakshecc id duieli Americani li jistghou jicbru fuk l'artijet taghna huma dauc biss li jifilħu ghal gir. Fost daun id-duieli insibu l'aħjar:

Il Berlandieri (Resèguir No. 1 u No. 2) u il Chasselas×Berlandieri 41B. ghal baijad ix-xieref u it-tafli abjad. Ir-Rupestris du Lot gha-tafli iċħal jeu seudieni u ghat-tafli safrani, chif ucoll ħamrani muħrar u ghal ħamri ħerbi. Il Berlandieri×Riparia 420A ghal fraglu, ghal ħamri tal franca u ħamri tas-seconda. Il Berlandieri×Riparia 157 11 u il Berlandieri×Riparia 34E ghal ħamri grass, ghal ħamri tal kauui u ghal ħamri ramli.

### IT-TNISSIL.

Id-duieli Americani jitnisslu biz-zargiun, izda x'uħud minnhom billi uisk difficili biex jeħdu biz zargiun, jitnisslu bit-tirkid.

Billi id-duieli Americani jicbru shieħ u ghandhom jinzabru fit-tul, irodċu ħafna zargiun. Iz-zargiun ghandu jittieħed meta il pianta tcun tistrieħ, jigifieri f'dac iz zmien ta uara li tinza mil uerak u kabel ma tibda traħħas.

Il mod li bieħ ghandu jinkata iz-zargiun tad-duieli Americani ta min jaħsbu seuua.

Iz-zargiun tad-duieli Americani spiss icol. lu il canal ta bejn l'ghaksiet twil ħafna, l'ictar f'dauc il qualitajiet kauuija li ghandhom dejjem jigiu mghazula biex uieħed ilakkam tajjeb fukhom. Billi iz-zargiun ixenxel mil ghaksiet (u m'hux bil ghajjun chif jaħsbu x'uħud, ghax l'ghajjun jitberreu taħt it-trab) hemm bzon li iz-zargiun mita jitħauuel ma icunx niekes taħt l'art mil ghaksiet; mill banda l'oħra ghandec tiftacar li m'hux tajjeb tħauuel iz-zargiun fit-tul u fil fond, specialment (bħal ma spiss icun) mita ix-xitel icollu jigi mgharras banda oħra, ghaldakshecc il katgha ghanda issir seuua seu taħt l'ghaksa u b'hecc taħt it-trab jista icolloc zeug ghaksiet floc uaħda, u iz-zargiun b'dan il mod ixenxel izied malair.

Iz-zargiun li jitħauuel f'mixtla biex uara jigi mgħarras ghandu icun kasir chemm jista icun, biex l'gheruk ma ibatux uisk mita jinkala. Jecc tħauuel zargiun tuil uisk mita tigi biex takla ix-xitel, l'gheruk li icun hemm taħt nett jibkghou f'art, ghaliex bl'imghaska ma tilħakx sa dac il fond biex takalau seu. Mita it-trab icun frisc u mizmum tajjeb, ix-xenxil tal gheruk isir seu, anchi jech iz-zargiun ma jitħauuilx fil fond.

Fi trab grass, iz-zargiun ghandu jitħauuel izied fil uicc, ghaliex billi mill'aria l'os-

siginu ma tantx jidhol fieh ma tantx jishon Fi trab mahlul li fieh tidhol l'aria, li jishon u li izied jix-xotta malair anchi fil fond allura iz-zargiun ghandu jithauuel izied l'isfel.

Izied ma l'art tinzamm frisca bix-xghol u bit-tiskija, izied, jista jigi imhauuel fil uicc iz zargiun. bhal ma isir fil mixtla fejn hemm hbula ta raba iccurati apposta.

Fein ir raba ma jistax jigi iccurat bhal tal mixtla, allura m'ghandniex xi ngheidu iz zargiun ghandu jithauuel izied fil fond biex ix-xitel jirnexxi.

TAHUIL TAD-DUIELI AMERICANI GHAT-TNISSIL.

Biex uiehed jista icollu cull sena numru biz-zejjed ta zragen biex ilakkam fukhom, jinhtieg li jigiu imhaula quantità biz-zejjed ta duieli Americani, biex jittiehed minnhom il quantità ta zragien li icollu bzon.

Id-duieli Americani ghat tnissil ghandhom jigiu mghazula min qualitajjet li jirresistu il Filossera u li icunu addattati ghat-trab tal post fein ghandhom jithaulu. It-tahuil ghandu isir f'art mahduma tajjeb bhal mita jithaulu id-duieli comuni, izda actar boghod min xulxin, ghaliex id-duieli Americani, chif gia ghedna, jicbru hafna u jghamlu hafna zargiun, u hemm bzon li daun iz-zragen cun fid-daul biex icunu capaci. It-tahuil salib hu l'ahjar u l'actar addattat ghal dan. Il flanni icollhom 6 piedi daul u li stess boghod bejn cull dilia u ohra f'li stes flann. Iz-zbir tad-duieli ghat-tnissil ghandu isir billi jithalleu f'cull dilia diversi idfra bi tnejn jeu tliet ghajjun, biex jghamlu hafna zargiun.

IX-XITEL.

Iz-zargiun li jittiehed mid-duieli Americani iservi biex jeu jigi imlakkam mil leuuel jeu biex jithauuel biex isir xitel li jista jitlakkam fil post jeu fuk l'idejn.

Bhal ma gia fissirna, it-trab fejn jithaunel iz zargiun jinhtieg li icun tajjeb, mahlul u addattat biex iz zargiun ixenxel malair. Iz-zargiun ma jithauuilx fil fond biex jista jinkala malair, bl'gheruk collha li icollu, mita icollu min sena sa tliet snin jecc ma icunx imlakkam, u min sentejn sa gherba snin jecc icun imlakkam.

Jecc ix-xitel sejjer iservi biex jitlakkam makluh, jeu biex jixxettel fir-raba minghair imlakkam, allura iz-zargiun jista jithauuel fsik anchi min 4 sa 6 p lzieri fil flanni; izda cull flann ghandu icollu min 12 sa 18 il pulzier daul, biex icunu jistghou jinhadmu minghair tfixchil; jecc ix xitel sejjer icun imlakkam fil post, icun hemm bzonn li tithalla distanza icbar bein il flanni, biex icun jista jitlakkam bil cumdità, u ghal cura li tinhtieg uara it-tilkim. F'dan il cas iz-zargiun ghandu jithauuel minn 10 sa 12 il pulzier boghod uiehed mill' jehor f'cull flann, u min 18 sa 20 pulzier daul bejn cull flann.

IT-TILKIM.

Biex l'ghakda tat-tilkima tirnexxi, hemm bzonn illi icunu imissu seuua ma xulxin it-truf taz zeug parti tat-tilkima, fein l'umuri tal pianta icunu izied abbundanti ghaliex dauna jatu il material li jinhtieg biex jintghamlu partijet godda li jghakdu it-tilkima u jghamlugha hagia uahda.

SISTEMI TA TILKIM.

Hemm bosta manieri li bihom jitlakkmu id-duieli Americani, izda ftit hemm minnhom li jinsabu usati fil prattica. Fost l'izied uzati hemm it-tilkim bil feles u it-tilkima Inglisa (tas suffara). Ma hemx ghalfejn uiehed ifisser haun chif isir it-tilkim bil feles ghax dan hu mgharuf biz-zejjed.

Ghat tilkima Inglisa (tas-suffara), jinhtieġ l'euuelnett illi iz-zeuġ parti tat-tilkima icunu ta hxuna uahda, b'katgha imzerzka, bhal ghamla ta imboccatura ta clarinett, iz-zeuġ katghat hemm bzonn icunu ta daks uiehed, biex jghattu seuua lil xulxin u jibdeu chem jista icun krib l'ghaksiet. L'inclinazioni tal katgha tintghamel scond il hxuna taz-zargiun; jecc il fergha li ser tlakkam tcun irkieka il katgha ghanda tcun itual ghax b'hecc icolloc ghakda ectar soda u shieha, jecc il fergha tcun ehxen, il katgha ghanda issir iksar. Uiehed m'ghandux itau-

ual il katgha izied milli imissa, biex jevita mill inconvenient li icollu katghat irkghak i jinxfu malair.

Uara li nghamlu daun il kaghtat u icunu ippruvainighom biex narau jecc jakblux seu ma xulxin, ghanna inxokku f'cull parti bħal ilsien zgheir, u nghakkduhom biccia uaħda.

Biex tlakkam seu, mus tat-tilkim hu ħagia li ma tistax tghaddi minghaira. Hemm ħafna ghamliet ta imuies ghat-tilkim, it-tnein l'izied usati (ghaliex huma l'izied comdi) huma: il mus tip *kund* u ir-*ronchetta*.

L'aħjar macna li hi uisk usata fi Franza ghat-tilkima Inglisa hi imseiħa *Petit*.

Comdi uisk biex jaghmlu it-tilkima bil mus ħagia izied ħafifa, huma il *guidi* bħal dic ta *Richber* u'l guida *revolving Brevier* ghaliex jghainu uisk, l'izied lil dauc li ma tantx jafu fuk it-tilkim.

Biex izzomm iz-zeuġ parti tat tilkima f'posthom, u biex uieħed jiscansa li jecc jintlaktu ma jitħarkux, daun ghandhom jigiu marbuta; izda iz-zeug parti jinħtieġ li icunu jakblu seuua ma xulxin, minghair ma icun hemm bzonn illi ir-rabta trosshom uisk, ghaliex jecc trossa uisk, tista tfixchel l'unur tal pianta milli jiġri chif imiss.

Ghat-tilkim li semmejna hi uisk addattata ghall'irbit ir-*Rafia*. Ghat-tilkim oħxon bħal ma hu it-tilkim bil feles fuk zcuc ħoxnin, icun hemm bzonn li torbot bis-soda. Ir-rabta biex tcun seuua m'ghandiex tross uisk l'it-tilkima u ghandha tħalligha libera biex jidħol minghair tfixchil, mita icun imissu, l'ossiginu meħtieġ biex jintghamlu il partijet giodda tal ghakda tat-tilkima, ghal din ir-ragiuni m'hinix tal parir li l'irbit icun fitt fuk xulxin. L'aħjar ħu l'irbit ħafif li iħalli parti mil uicċ tat-tilkima libera.

### Chif isir it-tilkim.

It-tilkim tad-duieli jista isir fuk dilia imħaula, imsejaħ tilkim fil post, jeu inchella fuk dilia barra mil ħamria, imsejjaħ tilkim fuk l'idein.

It-tilkim fil post jista isir fuk duieli imħaula fir-raba jeu fuk duieli imħaula fil mixtla.

It tilkim fuk l'idein isir tant fuk iz-zargiun chemm ucoll fuk xitel makluħ mill'art

### It-tilkim tad-duieli fil post fir-raba.

Jistghou jitlakkmu fil post fir-raba duieli ta cull zmien. Duieli Americani li jifilħu ghal filossera jistghou jitħaulu mill'euuel fil post li ghandhom jibkghu fieħ u jitlakkmu mita jicbru bizzejjed. Ma jakbilx li uieħed jistenna sa chemm iz-zocc jeħxien bosta, ghax it-tilkima tirnexxi aħjar fuk zocc tari milli fuk zocc xieref. Fuk zcuc xierfa jibkghou dejjem feriti li ma jghalkux, jeu ksim li huma cagiunati mit-tibdil fil ħatab tad dilia li jiddebbolugha; ghal cuntrariu, fuk zcuc toria it-tilkima tghakad malair u issir biccia uaħda, u jatu pianta ectar mghakuda u li tgheix zmien itual. Ghaldaksecc, id-duieli imħaulin ghandhom jitlakkmu malli icunu ħoxnin bizzejjed li tcun tista tghamel dan ix-xghol.

Id-duieli imħaula fil post jitlakkmu bil feles. It-tilkim bil feles m'hux biss jakbel ghad-duieli li icollhom zocc icbar mit-tilkima izda anchi ghal dauc li ghandhom iz-zocc ta li stess ħxuna tat-tilkima.

It-tilkim fil post fil mixtla isir fuk xtieli zghazaħ imħaulin bghod bizzejjed min xulxin, biex ix-xoghol li jinħtieġ jista isir seuua u minghair tfixchil, u minghair ma issir ħsara l'it-tilkim li icun già gie mgbamul. Bein cull flann u iħor ghandu icun hemm bghod ta min 16 sa 20 pulzier, u min 10 sa 16 il pulzier bein ix-xitel. Chif gia ghedna, id-duieli fil mixtla ghandhom jigiu imlakkma malli iz-zocc icun oħxon bizzejjed li jista jitlakkam; jecc uieħed jistenna uisk, ix-xitel ibati ħafna mita jigi mgharras imħabba il cobor li icunu ghamlu l'gheruk.

### Paragun bein it-tilkim fir-raba u it-tilkim fil mixtla.

Mita it tilkim isir mill euuel fir-raba ghandu il vantagg illi l'gheruk ma isofrux bħal ma jiġri mita id-duieli li jigiu mgharsin fir-raba icunu imlakkmin fil mixtla. Izda fid-duieli li icunu tlakkmu mill'euuel fir-raba hemm svantagg li ma jinsabx mita id-duieli

jigiu imlakkma fil mixtla, ghaliex il cura li icollhom bzonn uara li jitlakkmu, li tant tisua biex it-tilkima tirnexxi, ma tistax issir hecc ħafif u malair bħal mita it-tilkim icun miġbur f'katgha zgheira u fi trab mghazul bħal tal mixtla. Barra min dan it tilkim fil mixtla jista uieħed jaraħ bil cura u jippruvaħ mita jinkala mil mixtla biex icun zgur li ghandu ghakda tajba. Dan l'esami ma tantx jista isir fid-duieli imlakkmin firraba, u ghalecc xi ftit ta tilkim dakxein difettusi jibkghou dejjem u cagiun ta dan uieħed jeħu duieli li uara ftit snin imorru lura u imutu.

## Ir-Roncet u Il Chlorosi tad-Duieli.

Mictub min P. Borg, mill'ufficciu tal Biedia.

Fost il mard tad-duieli ir-Roncet u il Chlorosi huma zeuġ mardijet ftit jeu xejn mgharufa kalbna, izda millum il kuddiem li icolna immexxu it-trobbija tad-duieli fuk gherk American mħabba il Filossera, daun iz zeug mardijet lli jghacsu bosta lid-duieli Americani nibdeu ta sicuit niltakghou maħħom u actarx jibdeu iħabtuna xi ftit. Ghaldaksech tajjeb illi fil bidu ta dina il coltivazioni tad duieli Americani, gdida ghal daun il gzejjer, ingharfu xi ħagia lil dauc li ghandhom id-duieli, jeu li forsi keghdin jitħajru irabbu id-duieli, sabiex mhux biss jiccuraughom izda jeħdu mil leuuel il precauzionijet li hemm bzon biex ma iħabtuhomx.

### Ir-Roncet.

Ir-Roncet hija marda illi ila mgharufa fi Franza taħt l'isem ta "court nouè" jeu ghacsa kasira, chif ucoll taħt l'isem ta "cabouchage" il ghaliex meta il marda tidħol il geuua is-sigra titchittef u titħattab, izda s'issa ghad ma nafux seuua la mniex inhi gejja, l'ankas chif titnissel. Id-duieli milkuta min din il marda icollhom l'ghachiesi kosra, u il filji, floc li jibkghu irkak bħal ma jghamlu fi duieli b'saħħithom, iħaxxnu daks iż-żargiun illi jeħu ghamla ta mifrud fi tnejn jeu fi tliet frighei indaks. Il uerka ucoll titkatta f'diversi ghamliet, actarx bil pizzi, uakt illi l'ghankud jitual u jixxenxel. Barra min dan id-duieli morda jarmu tard u bit-tbatija u fuk il uerak chif ucoll fuk il frighei ħodor jidru tbajja suued, irkak, li jinxfu f'kasir zmien. Meta il marda tcun ghada ma daħlitx il geuua, id-duieli minsusa jistghou jigiu maħsuda u mlakkma b'żargiun b'saħtu, meħud min dielja li ma hix marida, u jallura ir-rimja actarx takbad tajjeb u ma terġax turi il mard, izda meta is-sigra tilħak titħattab, l'aħiar ħagia li uieħed jaklaħħa mill'euuel. Din il marda tmiss tant id-duieli tghana chem id-duieli Americani, iżda id-duieli ma humiex collha suggetti xorta uaħda ghaliha. Fost id-duieli Europei l'actar li huma suggetti ghal din il marda huma il Muscatel u l'Insolia. Kalb l'Americani hija suggetta ferm ir-Rupestris du Lot imbaghad ir-Riparia, il Berlandieri, l'ibridi taħħom bħal ma hija il Berlandieri × Riparia 420 A, u xi ibridi tal Europea mar-Rupestris u il Berlandieri bħal ma huma l'Aramon × Rupestris, il Chasselas × Berlandieri 41 B, u il Murvèdre × Rupestris 1202. Kalb daun id-duieli Americani insibu illi hemm diversi indispensabli sabiex inrabbu id-duieli fuk gherk American fil gzejjer tghana bħal ma huma ir-Rupestris du Lot, il Berlandieri × Riparia 420 A, il Chasselas × Berlandieri 41 B u oħrajn; u ghaldaksecc hemm 'bzonn l'acbar attenzioni fil ghazla taz-Zargun American ghat-taħuil.

### Il Chlorosi.

Il Chlorosi hija marda oħra antica kalb id-duieli tghana (Europei) illi tolkot ħafna id duieli Americani, eccettuati il Berlandieri u sa certu pont ir-Rupestris. Id-duieli milkuta min din il marda jibdeu jisfarulhom il uerak u imorru lura uakt illi ir-rimi ġdid joħroġ imchittef, bla culur, u jinxef uara ftit granet. Fuk id-duieli Europei din il marda actarx tidher uara il ġlata, jeu uara xita kauuija f'postijet fein l'ilma jistania, chif ucoll meta xi insetti jeu mard iħor tal funghi imissu l'gheruk. Ghaldakshecc narau id-duieli jisfaru meta jintmessu mil Fillossera

jeu mil velenu tal gheruk, "Dematophora necatrix." Fi ftit cliem din il marda dejjem insibuha gejja min xi ħagia li tcun keghda tħxchel in-nutrizioni tas-sigra mi gheruk.

Fuk id-duieli Americani din il Marda tidher actarx spiss, anzi hemm xi varietajet li meta icunu imħaula fuk art mgħobbija bil gir, f'kasir żmien jistaru, jitchittu u imutu. Tghamel hecc b'mod speciali ir-Riparia; il ghaliex id-duieli Americani iħossuħ uisk il gir fil ħamrija, l'actar jecc dan il gir icun ta qualità li tinħall malajr fl'ilma. Din il condotta tad-duieli Americani isejħula "resistenza ghal gir" u hemm bżonn illi fit-taħcil tal vigni ġodda uieħed jokghod ferm attent ghal qualità tad-duieli li iħautel sabiex ilakkam fukhom, il għaliex jecc ma icunux tajba ghall'art, jistghou jimirdulu bil chlorosi, u imutu ucoll.

L'artijet tghana ftit jeu uisk collha fihom gir iżżejjed, u dac li hua ghar, il biċċa il cbira tal gir li fihom jinħall malajr fl'ilma. Ghaldakshecc id-duieli Americani li jistghu jicbru fuk l'artijet tghana huma biss dauc li jifilħu ghal gir. Fost daun id-duieli insibu il Berlandieri (Resseugier No. 1 u No. 2), u il Chasselas × Berlandieri 41 B, li iżommu tajjeb fuk il Bajjad, fuk ix-Xieref, u fuk it-Tafli abjad, ghaliex jifilħu ucoll ghal inxif; lil Rupestris du Lot u l'Aramon × Rupestris Ganzim No. 1 ghad tafli ichal jeu seudieni u ghad tafli safrant, chif ucoll ghal hamri muħrar u ghal ħamri ħerbi; il Berlandieri × Riparia 420 A ghal fraglu, ghal ħamri tal francağu' ghal ħamri tas-seconda; il Berlandieri × Riparia 157-11, u il Berlandieri × Riparia 34 E ghal ħamri grass, ghal ħamri tal kauui u ghal hamri ramli.

B'dana collu id-duieli mlakma fuk l'Americani cull tant jakbdu isaffru il uerak, specialment meta ix-xitua tcun xi ftit miluiemija. Dana ma ghandux ibazza, il ghaliex actarx li uara li jisfar ftit il uerak jergia f'dakka uaħda jeħu il culur tighu, minghajr ma isofri xejn il frott. Izda cull tant jiġri illi id-dielja tbati u il culur isfar tal uerak jokka ghal zmien tuil, u allura hemm bzonn li uieħed jati ircaptu sabiex jiccuraħ. Dana isir billi id-duieli jitbixxu fil pront bil mistura Bordolisa normali jeu b'soluzioni tal vitriol aħdar (solfat tal ħadid), ½ fil mija (½ Rt. fil Barmil) u mbghad fix-xitua uara iz-zabra jigiu mizbugha b'dan il vitriol aħdar maħlul fl'ilma, 20 fil mija (¼ Rt. fil gallun). Barra minn dan hemm bzonn ucoll li uakt l'ghaziek uieħed jitfa ftit solfat tal ħadid ma l'gheruk, kabda jeu tnejn ghal cull sigra, u iħauuadhom tajjeb mal ħamrija, biex jinħallu bil mod bix-xita, u jilħku l'gheruk actar tard.

## Il Gid li jghamel IN-NITRAT TAS-SODA

—

*Ittri genuini li geu mibghouta lill'Editur.*

—

Sur Editur,

Min ma jafx xi ħsara issir fill frott irkiek meta fis-saif forsi icolloc il mijit ta sigiar tal langias, u frott jeħor, u tibda ħiergia minnom, dic li aħna ngħeidula susa, u sigra uara l'oħra collha jakghou u jispicciau biex jinkerdu. Imma ħagia tal ghageb, dan is-saif li ghadda, floc ma sakkeitom is soltu jigifieri bl'ilma biss pur, sakkeithom bin-Nitrat tas-Soda, u mux biss li ma ħargitx is-susa ghalihom, imma sbieħu u tau frott uisk actar mis-snin ta kabel.

Jena, sur Editur tal imfaħħar giurnal il Bidui, gialt lil uieħed cugin tighei jghamel li stess bħali, uieħed li ghandu ġnien mill'is baħ ta qualunque frottijet u l'istess risultati ħargiu minn ghandu u irringraziani bil bosta. Eccu x'gid jaghmel in-Nitrat tas-Soda, gid ġdid ghal min ma jafx.

Nispera sur Editur li int ix-xandar fil Giurnal tighec dan il Gid cbir li jaghmel in-Nitrat tas-Soda ħalli min ma jafx biħ jibda jusaħ, meta fis-saif isakki is-sigiar tighou u hecc jizdiedu is-sigiar tal frott.

SALVATORE CAMILLERI
2 Sda. Chiesa Vecchia
Siggieui, Malta.

...........

Sur Editur u Direttur Onorariu tal Bidui

Ingheidlec il prova li ghamilt bin-Nitrat tas-Soda, ħauuilt zeug tuzzani xtieli tal Crafes, tuzzana demmilta bid-demel artificiali Nitrat tas-Soda u l'oħra bid demel naturali, dic li taita in-Nitrat tualet zeug Piedi u

erba pulzieri ħxuna, u l'oħra chem scorriet il pied u zeuġ pulzieri ħxuna. Mita cont nitchellem fukhom ma chienux iridu jemmnu, imbghad cont ngħeidilhom ejjeu ħalli nurihomcom u imbghad chienu igħeiduli ħalli narhom ghax ankas naf chif inhu dan iddemel imbghad chienu igheiduli issa nixtri ftit minnu ħalli nippruvaħ u jena issa beħsiebni indemmel il patata bieħ.

EMMANUELE CASSAR
No. 58 sda. S. Giuseppe
C. Zabbar, Malta.

............

Sur Editur,

Ninsab obbligat leic mil giurnal li inti kigħed tibghatli (il Bidui) u chem hili nakraħ tghallimt bosta ħueijeġ meħtigia ghal Agricoltura specialment fuk il famus demel artificiali ta Nitrat tas-soda u meta ippruvaitu ħadd mill'euuel risultat sabieħ fuk il kara aħmar u issa ippruvaitu fuk il patata u din hia sabiħa li issemmiet mar-raħal collu u geu jarauha bosta nies li il coll bakghu mistaghgbin bil ġmiel u il cobor taħħa fostom il Cappillan Dun Francesco Bonanno u Dun Emanuele Zammit D.D..B.L. u kaluli biex ngħeidlec tigi tara inti u il cumitat li inti tippresenta u jecc joghġboc meta tigi inti u il cumitat ibghat avzani b'ittra jeu b'telefon u jecc joghġboc iddumx ma tigi ghaliex digia ghalket 4 xhur.

Il fidil serv obidient tighec Carmelo Aquilina Sda. Parroco No. 5 Siggieui. (Post fein hemm il patata) Strada Parroco Vicolo 1 No. 10 Siggieui.

---

Din il patata chienet tasseu sabieħa, u issur Aquilina ħakku elf prosit. Il campiun li tella minnha għ'esposizioni ta Mejju gie mghoti Certificat Sabieħ.

Nota ta l'Editur.

............

Sur Editur u Direttur onorariu tal Periodicu Agricolu il Bidui.

Sinjur jena sejjer nictiblech dan il ftit cliem, biex ingharrfech il gid cbir li jaghmel, il bexx tal patata, u in-Nitrat tas-Soda fill prodotti.

Missieri is sena l'oħra chellu ix-xitel tal pastard, u dan ix-xitel ma ried jicber bl'ebda mod, u darba uaħda iltaka ma bidui bħalu u tħaddtu fuk ix-xitel tal pastard u missieri kallu li għandu ix-xitel ma iridc jicber, u l'iħor kallu biex jatieħ in-Nitrat tas-Soda u assicuraħ li jicber, imbghad missieri xtara ftit Nitrat tas-Soda biex itihulu, u mnein xtraħ kallu chem ghandu jati ma cull landa ilma, imma missieri uara li xtraħ irħielu ighaddi xi ftit taz-zmien u nesa chem kallu jitfa ma cull landa ilma, u minn floc li taħ zeuġ imgharef ma cull landa, taħ uaħda biss u ghalavolja b'uaħda biss, uara ftit tal ġranet beda jicber. u fi ftit zmien imbierech Alla laħak ghat-taħuil. U is sena zraina ix-xitel tal basal u dan malli nibet beda imut, tainieħ in-Nitrat tas-Soda u ma bakax imut; imbghad chelna il patata tax-xitua conna kieghdin inbixxuha, fein chien il basal stess u imbierech Alla uara ftit taz-zmien rabba xibrein u sar kiesu currat. U il patata tax-xitua bexxejniha ucol, u in-nies bdeu ighejdulna li ghamilna sball imħabba li ix-xita is-sena chienet scarsa, imma avvolja ix-xita chienet scarsa gid ghamlila il bexx, u chienet mill'isbaħ patata, U ħagia oħra, in-nies cullħatt beda igheid li il patata tax-xitua fiha il ġlata, u taghna ma chienx fiha avvolja il post taghna cull meta il patata tax-xitua chien icun fiha il ġlata, chien icun fieħ bħal ta ħattieħor ġlata, u is-sena ma chienx fiha ħlief xi uaħda fill boghod. Allura il bexx verament jaghmlila gid cbir.

Verament huma ta min ifaħħarom daun iz-zeuż medicini, il uieħed hu il bexx tal patata u l'iħor hu in-NITRAT TAS-SODA, ghaliex jaghmlu verament GID CBIR FIL PRODOTTI, u li chiecu f'Malta u Ghaudex culħatt juzahom, chiecu ighaddu bosta il kuddiem fill biedia.

Jena serv tighec
MICALLEF GOVANNI
78 Strada San Giaccmo, Siggieui.

## Corrispondenza Speciali

Sejrin nippublicau haunecc, ittra mibghouta lilna min illustrissimu ħabib taghna, u scond ix-xeuka tiegheu, chif ucoll ghax ma xtakx li jidher ismu, dina ma gietc imdaħħla mal "concors bil premiu".

Nisperau li il ħabib taghna darb'oħra jippermettilna li incomplu inzeinu "Il Bidui" b'ismu.

Nadur, Gozo
19 Mejju 1927.

Sur Editur,

Gia la darba inti tieħu piacir tircievi l'ittri tal ħbieb tighec eccu li b l kalb colla nakbad il pinna biex nħozz xi ħagia ghal "Bidui" li ghaddei il kuddiem ġmielu. Chem jeħdu gost jakrauħ il bdieua taghna u it-tfal taħħom. Fieħ kari tabilħakk piacevoli u istruttiv Nixtieklu ħajja tuila chem jista icun.

Inti u il karrejja tal Bidui tieħdu piacir tisimghu it-tifħir tal agricoltura imma din l'agricoltura jixirkila cul tifħir. Cull uerka li hemm fis-sigiar, cull fergha, cull zocc, cull uarda, cull frotta tifforma gloria u foħria tal Agricoltura.

L'agricoltura hia il pedament tas-società ghaliex hia il basi fundamentali taħħa.

L'ictar ħagia ghaziza fid dinja hua il bniedem u ghal bniedem l'actar ħagia preziusa m'humiex il ghajnein, il uidnein il memoria, il volontà u l'intelligenza imma r-ruħ u uara ir-ruħ il ħajja; issa il ħajja tal bniedem titmantna per mezz ta l'agricoltura li minnha joħroġ l'ichel.

Eccu chemm hi importanti l'agricoltura; daks il ħajja tal bniedem li minna tiddependi. Naturalment id-deheb hua actar ghaziz u prezius mil ħadid, mil bronz u mill'injam imma il ħadid hua necessariu fil ħajja tal bniedem. Mur ghamel tad-deheb il magni u il vapuri, chiecu chemm chemm jiddubbau bihom ir-rejjet u is-slaten mentri billi huma tal ħadid cullħatt jiddobba bihom.

L'istess jiġri fl'agricoltura; minghair li scoltura, minghair il pittura, minghair astronomia, elettricità u tant gherf iħor ngheixu phalma ghexna meta conna minghairhom, imma minghair agricoltura neħlu.

Il felicità tad-dinja tiddependi ħafna mil l'agricoltura, scont il prodotti taħħa jimxi il gid u il ghaks tal pajjis. Difatti min salva id-dinja fi zmien Giuseppi l'iben ta Giacob? Il gid aquistat mill'agricoltura li gie maħzun fis-seba snin tal gid biex jitkassam fis-seba snin tal caristia li fihom l'agricoltura ma tatc lil bniedem il frott min taħħa. Cull ħagia li haun fid-dinja li mhix maissla mil baħar jeu mil minieri hia gejja mill'agricoltura: mil ħxejjex u mis-sigiar isiru il giurnali il cotba, banchijet, muejjed, siggijet, dghajjes, bastimenti, guardarobbi, gradenzi, guarnic tal quadri, travi, tuibet, kratal, sopraporti, antiporti, tuiki, bibien, gallarijet u ħuejjeg oħra.

Ghalecc l'agricoltura ħabbeuha l'akua nies. Nsibu fl'istoria ta Ruma li Cincinnato meta il poplu fetcciu biex jghazlu "Dettatore" cap tal poplu u tal esercitu ma sabux banda oħra ħlief fil ghalka min tighu fein chien jaħdem u uara li rebaħ l'ghedeuua ta Ruma u ghal darbtein rcieva l'onuri trionfali tarrebbieħa geuua li stess ghalka ragia mar jaħdem fein chien isib l'ghaxka u il confort fa kalbu.

Alla stess chien iħobba l'agricoltura. Meta ħalak il bniedem, lil Adam sabiex ma icunx ghazzien ma kallux mur studia, mur istad, mur ħit, jeu mur pingi imma kallu "mur aħdem l'art" mux le pħala castig ta dnubietu imma pħala mezz biex jaħrab l'ghass.

U Gesù x'igheidilna fl'Evangeliu? "Jena id-dilia vera u missieri hua il bidui u intom iz-zargiun", u jissocta "pħal ma iz-zargiun jecc ma icunx muaħħal mad-dielia ma jatix gheneb hecc ucoll intom ma tghamlux opri tajba jecc ma tħobbunix chif imiss." Meta mbaghad kam minn bein l'imuiet u deher lil Maddalena derilha taħt forma ta "bidui".

Min naħħa l'oħra il cnisia chem ma tismax l'agricoltura. Pħala gharusa bla tebgha ta Gesù li jista collox hia titlob lil gharus taħħa sabiex pħal Alla li hu ixerred il barca tighu fuk qualunque xorta ta xghol u sigiar li hemm fl'agricoltura.

Per mezz tas-Sacerdot hia tbierec l'ghalieki, u il gionna, tbierec ir-rieħ nhar San Marc biex ma jghamlux ħsara, u meta daun ikumu bil bizgha taħħom hia trakkadhom bid-dakk, ħelu tal kampiena mbierca taħħa.

Tbierec l'imrieħel u ir-raba fein jirau u tekred bit-talb l'annimali il ħziena; tbierec iz-zrieraħ u il gionna f'bosta nħauui specialment fuk il gholiet tuakkaf is-sinjal tas-Salib biex jipprotiegi ir-raba contra il ħazen tad-demonju.

F'chelma uaħda tuza il mezzi colla għal gid tar-raba ghax persuasa li hi l'akua gid ta l'art. Anzi ščont l'istituzioni ta l'Imghallem Divin tuza iz-zeit taz-zebbuġ fis-sacramenti tal Grisma ta l'Iskof u tal morda u fl'ordni sagru li bieħ tifforma is-sacerdoti; tuza il ħobs u l'imbit ghas-sacrament adorabili ta l'Eucaristia li fiha jinsab moħbi Gesù stess pħal Alla u pħal Bniedem.

Meta hua hecc jigi uaħdu li l'actar bniedem meħtieġ fid-dinja hua il Bidui. Il bidui hua onorat min Alla li lilhu sejjaħ biex jaraħ fil grotta ta Betlem meta tuieled. Onorat mil cnisia li tatu pħala protettur lil glorius Sant'Isidoru li il festa tighu tigi fil 10 ta Mejju cnorat mill'akua nies tad-dinja li riedu jaħdmu is-sengha tighu pħal ma ghamel gio Ruma ic-celebri Cincinnato, u bosta sinjuri oħra li chienu jaħartu bil moħriet tad-deheb.

Il bidui hua persuna importanti fid-dinja u għalhecc cullħatt iħobbu b'kalbu colla. Iħobbu il Papa specialment meta joħroġ fil gionna tighu tal Vatican biex iserraħ moħħu u ifarraġ kalbu; iħobbu l'iskof illi pħala barra milli hua rghaj fil merħla ta Cristu hua hua ucoll gennien spirituali li jizra u isakki il virtù fil ġnien tal cnisia li huma l'insara tad-diocesi tighu; iħobbu il cappillan ghax hua l'aħiar fost il parrucciani, iħoħbu is-sacerdot ghax jaraħ ta kalbu taiba; iħobbu il fkir ghax mighu jiddobba; iħobbu it-tabib ghax mil ħxejjex tighu jaghmel il medicini; iħobbu is-sinjur ghax min għajru ma jistax jgheix. Viva mela il bidui. Hua jistħokklu cull tifħir.

## Erba Insetti ta Periclu Cbir għal Biedia u L'Ghedeuua Taħhom.

Erba insetti ta periclu cbir għal biedia i daħlu f'Malta min xi ghoxrin sena il haun huma: *Icerya Purchasi*, Maskell; *Chrysomyhalus dictyospermi*, Maskell; *Diaspis pentagona*, Targ; *Schizoneura lanigera*, Hausm. Izda ghal grazzia t'Alla daun l'insetti li semmeina, ta tant ħsara ghal biedia, jinsab ucoll l'ghadu naturali taħħom, u illum il giurnata barra minn Malta, huma combattuti u iccontrullati bdal mezz li hu ta effett l'izied sigur, ma ikumx flus u ħafif biex tapplicaħ:

### L'Icherya Purchasi Maskell

Insett abiad irrigat b'tebgha scura ħdein rasu; jattacca bi ħsara cbir l'agrumi, chem ucoll sigiar tal frott u tal ornament, arbuxelli, pianti tal fiuri u ta li stagiun, saħansitra ħxejjex tal ichel. Daħal f'Malta xi tmintax il sena ilu, u deher l'euuel darba f'Villa Rosa, San Giorg, u minn hemm xtered f'tas-Sliema, u izied tard mal campanja ta Malta u Ghaudex – Ghall'euuel b'ordni ta comissioni li chien seijaħ il Gvern biex l'insett ma jinxteridċ is-sigiar li chienu b'dan l'insett attaccati geu mizbura bla ħniena u midluca bil petroliu, u bosta minnhom bakghu vittima ta din li stragi. Fortunatament fit-2 ta Auuissu 1911 uasal minn Napli, (chien bghatu il Professur Silvestri) in-Novius (Vedalia) cardinalis, l'ghadu naturali ta l'*Icerya*, u min dac iz-zmien l'haun, l'*Icerya* tinsab tant tajjeb cuntrullata bieħ, li ghalchemm ghada tidher l'hemm u l'haun, ma tistax tghamel ħsara. In-Novius hi cola b'ħames tebghat fuk dghara, u tiecol il l'*Icerya*.

### Il Chrysomphalus dictysopermi, Maskell.

Dal periculus insett daħal f'Malta xi erbatax il sena hilu, fuk pianti tal uard, u il-lum il giurnata jinsab imxerred ma Malta colla u Ghaudex. L'insett mghotti b'koxra culur is-sadid ħamrani b'ticca safra fin-nofs; jinxtered malair uisk u jghatti frighei, uerak u frott ta l'agrumi; jattacca ucoll il pianti tal uard u pianti oħra tal ornament. Mita l'attacc icun kauui il frighei il cbar tas-siġra jinxfu u is-siġra tispiccia biex tmut.

L'ghadu naturali tal *Chrysomphalus* jismu *Aspidiotiphagus lounsburgi*, Berl. et

Paoli. Giebu fl'italia a spej'es tal Gvern Talian, il Dr. Guido Paoli, Direttur tal Regiu Osservatoriu tal Fitopatologia ta Liguria, mil gzira ta Madera fein jinsab nuiaru cbir minnhu. Dan l'insett hu bħal zunzana irkieka ferm. L'insetti irgiel ma jidrux ; cull insett mara ibid, per mezz ta xeuca, giol corp tal *Chrysomphalus*, u id-duda li tisviluppa mill baida tghaix mill intern tal vittma u ma tħallix minnha ħlief il koxra. Dina id-duda issir fosdka u minna joħroġ insett perfett li itakkab il koxra voita li icun baka mil *Chrysomphalus* u joħroġ minnha.

Scont ma kraina minn dac iz-zmien l'haun l'ghadu tal *Chrisomphalus* mar taijeb uisk fl'Italia u ghamel bosta gid.

### Id-Diaspis pentagona, Targ.

Dan l'insett jinsab ucoll f'Malta, fein daħal ma xi pianti min Skallia. Hu insett irkiek ħafna li jgheix fuk frighei u zcuc tas-sigiar tac-ciausri u ta sigiar oħra; jerda l'umuri taħhom u bil ftit il ftit inixxfuhom. Il pianti attaccati jidru moghttia bil kxur bajdani, u taħt dan il kxur jinsabu l'insetti nisa li ibidu cull uaħda firrebbigha min 100 sa 150 baida u ma tul is-saif isiru tliet generazioni. Jista mela uieħed jaħseb chemm jizdied malair dana l'insett u chem ħsara jista jghamel.

Dan l'insett ghandu bosta ghedeuua li igheixu fuku. Certu speci ta *Chilocorus* specialment il *Chilocorus bipustulatus*—cola zgheira scura b'zeuġ ticchi, li jinsab imxerda bizzejjed f'Malta, huma imsemmia pħal ghedeuua tad-*Diaspis* u jicluħ. Izda l'akua ghadu tad-*Diaspis* hi il *Prospaltella Berlesi*, li il Professur Antonio Berlesi, Direttur tar-Regia Stazione ta l'Entomologia Agraria ta Firenze, gjeb mill Giappun. Il *Prospaltella Berlesei* hi pħal zunzana irkieka ferm, u minn floc ma ticol id-*Diaspis* pħal *Chilocorus*, toktlu billi tbejet gio fieħ u mil baida tofsok duda li tisvoita id-*Diaspis*

Ir-risultati taiba li ittieħdu fl'Italia bit-tixrid tal *Prospaltella* ureu bizzejjed is-superiorità ta dina il lotta contra id-Diaspis fuk cull mezz jeħor, tant ghal effett intrinsicu, chemm ghal l'ispejjes chif ucoll ghal mod ħafif li jigi l'insett applicat.

### Schizoneura lanigera Hausm.

Dan l'insett li bl'Inglis imsemmi *woolly Aphis*,u bit-talian *pidocchio lanigero, pidocchio sanguigno* jeu *Schizoneura del Pero*, inħolok fl'istati uniti tal America, fein chien hilu zmien tuil mgharuf mita fl'ebda parti tal Continent tal Europa u f'partijet oħra tad-dinja chien ghad ma deherx.

Gie imdaħħal fl'Europa minn cultivaturi Inglisi tal langias, u imsemmi bl'isem comuni ta *American Blight*. Mill'Inghilterra għadda fl'Europa centrali. Disgraziatament uasal fl'Europa minghair l'ghadu tighou naturali u ghalecc xtered malair.

Dan l'insett jattacca il frighei, il branchi, iz-zcuc, u anche l'gheruk min taħt uiċċ l'art. Il culur tighou hu safrani jeu ħamrani, u minn xi dakkiet cannella ħamrani L'insett bil ġuienaħ hu ta culur isued ilekk mghotti b'bħal taijar abiad. Mita tafgiu bejn subghaic iħalli tebgħa ħamra. L'insett bla guienaħ hu ucoll mghotti b'bħal tajjar tuil abjad. Il koxra tas-sigra fein dan l'insett jattacca maħħa itella bħal tubercoli li jispicciau biex jiccancrau u jekerdu il frighei u il branchi.

L'ghadu naturali tal *Schizoneura lanigera* jismu *Aphelinus mali*, Hald., insett irkiek ħafna ta culur isued b'faxxa traversali safra ħdein zakku, u min xi dakkiet b'faxxa jeu tnein oħra izied irkak.

Fi studji li ghamel il Professur G. Del Guercio fuk l'acclimazioni u chif gieb ruħu l'*Aphelinus* fl'Italia sab u ivverifica li dan l'insett hu rappresentat min zeuġ serji ta individui diversi beiniethom, u din id-differenza ma ghandiex x'taksam mal custoni jecc l'insett hux mara jeu ragel ghaliex din l'osservazioni saret fuk insetti nisa biss. Ghal dakstant din il forma oħra ta dan l'insett giet imsemmija *Aphelinus mali* Hald varietà *Italica*, Del Guercio.

Parti mil individui ta dan l'insett hi rap-rappresentata min ghamliet ta dimensioni izghar, u il parti l'oħra ta dimensioni icbar. Mux biss hemm did-differenza, izda differenza ucoll tesisti bein ii caratteri tal krun taz-zeuġ speci.

Dan stabilit, gie maghruf li miz-zeuġ gruppi, l'ghamliet zghar tal *Aphelinus* jispustau

ruħħom kabel l'oħrain, u icunu kuddiem fil moviment tal invazioni contra li Schizoneura tat-tuffieħ.

Barra minn dan il Professur mit-tfitxija li ghamel sab ucoll li l'ghamliet iz-zghar tal *Aphelinus* m'hux biss jinsabu deijem kuddiem fil moviment, izda huma deijem l'euuel fost l'oħrain, li iħcciu il vittma taħħom, hua ghalecc li l'ghamliet cbar tal *Aphelinus* jidru deijem fuk il uerak, u jidru izied numerusi mill ghamliet zghar li icunu gia telku.

Ir-risultati li tà fl'Italia l'*Aphelinus* chienu izied taiba milli chienu l'gharrief jistennu. Dan l'insett prezius ma jatix paci li Schizoneura u jiccumbattigha minghair ħniena.

## RISULTAT TAL HAMES COMPETIZIONI

### L'EUUEL PREMIU

(*Premiu culluieħed*)

| | |
|---|---|
| Gio Maria Mangion | 36, Sda. S. Giovanni, Musta |
| Juann Mamo | 51, Sda. Azzopardi, Hamrun |

### IT-TIENI PREMIU

| | |
|---|---|
| Carmelo Sant, | Baħar ic-Caghak. |

### IT-TIELET PREMIU

| | |
|---|---|
| S. Caruana Melosa | 25F Sda. Parrocchiale, Crendi |

PREMI OHRA.

| | |
|---|---|
| Paul Bonello | 15, Piazza S. Nicola, Siggieui |
| Paola Camilleri, | 3 Piazza S. Giovanni. Siggieui |
| Gius. Caruana | 23 Sda. Blata Garbo, Gozo |

L'ittri ta daun li se' nsemmu chienu sbieħ ferm, *Prosit*, jiddispiacina li ma stainiex natu premii izied.

| | |
|---|---|
| Giov. Micallef | 78, Sda. San Giacomo, Siggieui |
| Pietro Spiteri | 33, Sda. Herba, Zeitun |
| Luigi Sammut | 10, Sda. Ponente, Musta |
| Antonio Azzopardi | 8, Piazza San Nicolo, Siggieui |
| Felice Camilleri | 11, Sda. Chiesa, Sannat, (Gozo) |

| | |
|---|---|
| Carmelo Borg | Sda. Alessandria, Vittoriosa |
| Giov. Sammut | 10, Sda. Ponente, Musta |
| Francesco Zerafa | 15A Sda. Reale, Xeuchia (Gozo) |
| Nicola Camilleri | 3 Piazza S. Giovanni Vic. 1mo. Siggieui |
| Angelo Falzon, | 71 Sda. S. Blass, Nadur (Gozo) |
| Joseph M. Borg, | 13 Sda. Sta. Margherita, Cospicua |
| Mich. Spiteri, | 1 Sda. Salvatore Vic. 2do, Crendi |
| Michele De Brincat, | 44 Sda. S. Blass, Nadur (Gozo) |
| Luca Vella, | 5 Kala, Limiti di S. Paolo a Mare |
| Salv. Camilleri, | 2 Sda. Chiesa Vecchia, Siggieui |
| Giov. Micallef, | 73 Sda. San Giacomo, Siggieui, |

IL PREMIU BIX-XORTI TELA LIL

| | |
|---|---|
| Emmanuele Cassar, | 58 Sda. S. Giuseppe, C. Zabbar |


## DIABETYLIN.

### AKRA DAKXEJN.

Il-lum l'actar hagia periculusa u li tati uisk fastidiu lil'umanità hi id-*diabete*. Barra milli hi marda periculusa anzi fatali, izzommoc haitec collha infelici u mixtiek minn hafna affarijet li ma tcunx tista ticolhom. Jecc tcun mistieden ghand hbieb tighec ghandec dic is-siccatura li ma tistax tiecol dac collu li jippresentaulec—hagia, li barra milli hi uisk siccanti ghalic, iggiaghlec tidher anchi siccanti f'ghainejn l'ohrajn.

Ix-xienza il-lum scopriet medicina ta valur cbir, biex tharrsec minn dic il marda li uiehed ghandu jokghod attent li ma jimradć biha, ghaliex il cura tahha seuua ghada ma instabitć, jinhtieġ ghaldakstant li ahna nilkauha minn kuddiem; *kabel tmissna.*

Din il medicina hi mghamula minn sustanza mehuda mil hxejjex, TRIPSNIN, u vitamini li huma assolutament mehtiegia ghas-sahha tal bniedem, u tissejjah

**DIABETYLIN**

Barra milli tiffrancalec id-diabete, hi ucoll tharrsec minn mard iehor bhal neuralgia, ecc., u ma thallicx tgholob.

Hia tgheinec biex tiecol hobs, ghagin izied, frott ecc. minghair ma tghamel hsara.

Id-DIABETYLIN tinxtara minn ghand:—

*Valletta* — The Economical British Dispensary, Sda. Reale,
Fabriz Borg's Dispensary, 123, Sda. Reale.

*Floriana*— Floriana Dispensary 64, Sda. S. Anna.

*Sliema* — The Economical British Dispensary, Sda. Ridolfo.
Vassallo's Pharmacy Sda. It-Torri.

AGENT. Is-Sur Cesare Vassallo, 11, Sda. Carmine Valletta.

## SITT GIABRIET TAD-DEHEB LIL BIDUI.

—

Sur Editur,

Nargħa mill ġdid nictiblec, u nictiblec bil ħrara u b'dic il fehma li cullma immorru nitjebu fil mogħdija il kuddiem, seu tiegħi innifsi u chemm ucoll b'dic tal Bdieua a Dilettanti Ma'tin u Għaudxin huti, li għaliħom (eu għalina) int u'l Cumitat kegedin tant tithabtu.

Chitbiti, perċ, irrid inkassamha f'sitt giabriet (punti): 3 tal moħħ (mentali) u 3 tal id (manuali). U haun nitlob lill karrej li jagħmel attenzioni għaliħom, għax għad illi 'l daun il giabriet icun k'ed jakrahom fit-tul, iżda meta jagħsarhom, għandhom johorgiulu dakxejnijet ta għasel minn cull giabra magħsura. Nakrau fliemcħien, immela, l'euuel 3 giabriet tal moħħ.

L'EUUEL GIABRA—Nistaksi. X'għandu 'l Bidui kabel collox jaħseb scond iż-żmien? —Hua għandu jaħseb, għandu igib f'moħħu *chif*, b'liema mezz din is-sena sejjer igib l'għajxien mir-raba' tiegħu: chif sejjer jisħok l'għoli tal kbiela, ta li spejjes scond iż-żmien, ecc. Għalhecc hua għandu m'hux l'ifittex chif jaħdem ir-raba bħal ma ħadmu is-sena l ohra biss, lè, imma ifittex li jisperimenta, li jivvinta, li joħlok xi ħagia ġdida li tgħaddilu l'affarijet il kuddiem: cioè, fil miżirgħa, lit-tagħm, lil frott; ecc, bħalma jgħamlu il bdieua ta barra. Eżempiu: Bniedmin, biex jiġru izjed ivventau il motor cars (carrozzi tannar); dauc li chienu itiru bil ballun, biex itiru iżjed, floc il ballun ivvintau l'ajruplan; dauc l isifru, floc li bakgħu bil bastimenti jeu schejjen bil kluħ, ivvintau vapuri bin nar (steam); dauc li jidħnu il kmuħ, floc li bakgħu bli mdieħen tad-Don Chixott (idauru bir-riħ u jisħku bil ħaġra) ivvintau imdieħen b'i stiim, bil mutur; u dauc, fl'aħħarnett, li jisserrau li njam, floc li bakgħu ihanxru bil ħsejjes to *xjuu-xjuu* ħiela u nieżel ivvintau ucoll is-serriek bil macna. U hecc egħxieren ta snajja oħra.

U mela il Bidui tagħna biss sejjer jibka lura li ma jivvintax xi ħagia li tuietih li tircupralu li spejjes ta ma tul is-sena, l'għoli tal kbiela, klieħ iżjed, li ma ichidx gildu iż-żejjed, u li tgħaddieh il kuddiem? —O Geniu, nebbħu int x'jivvinta, jeu ressaklu x'invenz oni int lesta u tajba—Haun ħia: lesta! X'inhi?—Hi li tcabbarlu iż-żara' iżjed, li tħaxxinlu il patata actar, li jecc karaboccia is-soltu tagħmillu 6 żbuliet b'600 karaboccia, din l'invenzioni tagħmillu 18 il żbula b'1600 karaboccia eħxen, li il frott floc daks tapp ta flixcun tagħmilulu daks ponn. U, x'inhi, immela, dil barca t'Alla?—Hi in-NITRAT TAS-SODA: la iżjed u la inkas.

Imma, jaħasra, il Bidui tagħna għadu ma fehemx biż-żejjed, u ibati ftit ieħor, l'għaliex niekes mill kari u tagħlim! Imma tibżax! Tama f'Alla! Meta krajt fil *Bidui* ta dan l'aħħar, pagina 63, "Chif daħlet il Patata fl Europa", u chemm tħabtu biex daħħluha f'ras in-nies li ħi tajba, gietni it-tama li il Bidui tgħana għad dac li hu meħtieġ idaħħlu f'rasu hu ucoll. Jecc imbgħad, Allahareskatt, lè, hecc! allura jibka' lura mil Progress.

IT-TIENI GIABRA—Il Bdieua ta Barra ifittxu li cullma jagħmlu jagħmluh seuua, b'metodi li jigiu mgħallmin scond is sengħa u l'aħħar rimedji, jeu invenzionijet. Huma jigiu mgħallmin mic-ciccon li scola, u allura jafu jakrau, u għalhecc issibilhom cotba tal biedja u giurnali agriculi bl'addoċċ. Jecc niftacar seuua l'Ingliżi għandhom giurnali u periodici l'*Agricultural Gazette*, editur Child Bayley, jitchellem fuk macchinariu, biedja għodod tal biedja, idimla, ecc.; għandhom l'*Amateur Gardening*, editur T. W. Sanders, għad-dilettanti tal gionna; għandhom id-*Dairy*, *The Farm and Home*; *The Farm, Field and Fireside*; *The Farmer and Stockbreeder*, ecc. L'Irlandizi għandhom il *Farmer's Gazette*—in-Noviżilandiżi *The New Zealand Farmer*—il Canadiżi il *Farmer's Magazine*—l'Americani ta New York għandhom il *Garden Magazine* u il *Green's Fruit Grower*, u b'dakshecc jidhirli li tajt uirja biż-żejjed.

Kegħdin tarau il Bdieua ta Barra chemm għandhom u jakrau giurnali u periodici? X'nitgħalmu minn dan? Nitgħalmu li aħna

(icompli f'pagina 82)

ucoll ghandu icolna giurnali biex nimxu fukhom; u periodicu chiecu issa ghandna (cioè il Bidui), imma m'hux billi ghandna, filuakt l'inhallu l'editur jithambak u jishak ghal xejn! Ghandna 'nfittxu li nakrau u nitghalmu: nipprofittau biex nghaddu il kuddiem. Bil kari (u baun hu il punt, il giabra) incunu nafu 'l prezzijet ta Barra, x'jitolbu, u ghalhecc x'ghandna nippreparau. Barra dan nitghalmu ucoll chif ghandna nahdmu lir-raba' taghna bla sistema kadim. Bla taghlim sariu, bla giurnal li minnhu nitghalmu, x'taghlim jista' icun hemm imdeffes f'ras Bidui hlief griefex kodma ta żmien meta Hagiar-Kim u li Mnajdra chienu bliet? ta meta l'acbar gherf fil Bdieua chien meta chienu ighidu "f'Jannar, il gidra tiha il hmar?" li b'hecc icunu jafu li f'Jannar il gidra tcun uaslet biex tixraf? B'hecc biss ma niccompetux mal progress li k'ed jigri giri immens: iżjed bil uisk mill girja taghna. Immela: taghlim u kari biex incunu nafu il *chif* u il *meta*.

IT-TIELET GIABRA—Il Bidui intelligent ghandu ifittex l'iżomm f'rasu bhala Almanacc lis-sena collha chemm hi tuila: lix-xhur tahha: jifhem seuua x'ghandu fihom jiżra, ixxitteli ihauuel, inakki, irakkad, jakla u jiżbor, ilakkam, jaghżak, jakleb, etc. Dac il Bidui li jaf jahdem b'idejh biss bla ma jaf jahdem b'mohhu, x'ghandu jghamel, hua bhal dac l'hecc imsejjah scultur li jaf biss ihaddem idejh bl'ghodod bla ma jaf jimmagina (jipprevedi) fi hsiebu li statua l'irid iahdem. X'chien jisuielu lil cbir Canova li chiecu chien hecc? Xejn!

Cullhadd jaf, jeu imissu icun jaf, li ix-xoghol tal idejn uahdu ma jisua xejn jecc ma icunx immexxi mill ghakal tal hsieb. Ara f'hiex tinsab il bhima l'ghaliex m'hix hecc. Mela il Bidui ghandu icollu, biex nghid hecc, tabella kuddiem il menti tieghu tax-xhur, taż-żrierah, clima, tiskija, ġbir, użanza tal ahhar ghodod, tal ahhar invenzionijet, tal ahhar prezzijet: il gid u id-deni li jista isir b'din jeu b'dic il hagia. U hecc, meta dan l'irrid infihem b'din il giabra jghakdu ma dauc tal giabriet l'ohra, ghandu isib lilu innifsu ta hila li jista' jiccompeti b'ghaklu mal Barrani u jitla mieghu fl'ahhar targiet tal Progress.

Kabel collox ghandu itajjar minn mohhu dauc il hafna frasi boloh li giè li smajthom jen, bhal: "U ghal fein incun naf iżjed ghal dan ix-xiber art!" B'hecc jaghmel bhalma l'Gharab jaghmlu: ihallu lid-dinja chif sabuha!

Jecc il Bidui taghna jibka jahdem chif kabel, jibka jehu chif kabel—jibka li chien u frattant il kbiela u'l hajja m'ghadhomx li chienu!

Biex itaffi, biex jaghleb, jircopra ghal l'inkas hakk l'gholi tal kbiela u jiġbor xi hagia iżjed minn kabel, biex ighix scond iż-żmien, ghandu jifli, jistudia tajjeb (u fuk collox jghamel) dan li iżjed l'isfel sejjer inkeghdlu bhala "it-tieni 3 giabriet li ueghdtu u li huma tal id (manuali)".

Hua ghandu icun energicu, imheggeg, hautieli, habriechi, u ghalhecc barra minn dac li jicseb ma tul is-sena minn uiċċ l'art bhas-soltu, ghandu ifittex li johlok huejjeg ohra, giodda, biex ighin ruhu. Chif? Narau:

Taht l'isem ta Biedja, jeu Agricultura jokoghdu ma ohrajn bhala frieghi tahha daun il frieghi li gejjin: 1—*Żamma* jeu *Trobbija 'l Bhejjem* (Fauna) 2 *Tkeghid-in-Nahal* (Apicultura)—u 3 *Uardija* (jeu Flora) Narau, immela, chif uiehed ighin ruhu b'daun.

TROBBIJA 'L BHEJJEM — Il Bidui, ma xoghol ir-raba', ghandu ifittex l'irabbi bhejjem, bhal kżiekeż, xi moghż, barrin, tjur id-dar, ecc., biex meta jaslulu u ibiehhom, bi kliehhom ighin lilu in-nifsu minn banda. Din m'hix hagia tant tkila. F'daun il ġranet cont k'ed nitchellem ma Irlandiż, kalli li f'pajjiżhom bdieua u m'humiex irabbu hanżira, u ghalhecc dan il-laham hemm f'pajjiżhom hua barca t'Alla. Din, mela tcun l'euuel ghajnuna barranija.

TKEHID IN-NAHAL — Chiecu il Bidui, f'hinijet ta nukkas ix-xoghol, jeu meta ma icunx lir-raba' jista jahdmu, jitghallem ikieghed in-Nahal, dan f'cull żmien jatih il ghasel ghal bejh li bi kliehu icun k'ed

joħlok it-tieni għajnuna lilu innifsu, li biha iseuui xturu: ideuui l'għoli tal kbiela u ħuejjeġ oħra.

UARDIJA—F'Italia, u bnadi oħra ucoll jagħmlu dauc l'igħidulhom "siepi, li jiccorrispondu għal mal ħitan tas sejjeħ tagħna. Floc ħitan tal ġebel tagħna li minnhom ma' jeħdu xejn ħllef gremxul, jgħamlu ħajt ta njam u miegħu jiżirgħu jeu iħaulu sġejjer tal uard. Daun jiċbru u jixxebilcu u jingastau ma dac l-injam li biż-żmien isir ħajt. Barra li ma jingambralhomx lir-raba' għax cull sena jiżbruħ, fi żmien il fjuri, għal Mejju, tara ħitan ta uard l'igħaxxkec: fi żmien li m'hux tal fjuri tara ħitan ta ħdura li tħennic! Xi ġmiel! F'cull rocna, f'cull kucciata ta għoljet jeu mogħxa jagħmlu xi ħagia, specialment uard (jeu dnieli) Fi żmien il uard, allura, jaktauuhulec u jibgħatu minnu lejn li bliet għal bejħ, u minnu idabbru bagatella. Għaliex il Bidui tagħna ma jagħmilx hecc biex tcun it-tielet għajnuna lilu innifsu ?

Malta hia Eden għall frustieri, specialment għall Ingliżi, u daun iħobbuħ uisk il uard. Ara chiecu il Bidui icollu x'ibieħ jaklax barrani ħakk il kbiela, l'għalf tal bhejjem, u f'uakt li is-sinjur f'uakt il pranzu f'vażetti tal ħġieġ venezian icollu uard x'ixomm, il Bidui mill banda l'oħra, bis-saħħa ta dac ix-xamm, icollu x'ixomm torta: imkar darba cull nhar ta Ħadd!

Jen jidhirli li b'dan li nebbaħt tchellimt tajjeb, għal gid: għal dac il gid li bil ftit il ftit lil Bidui jgħamlu nies. U jecc jisma' mit-tuissijet li fuk għamiltlu, specialment it-tagħlim, għad jigi żmien li jimbidel bħal-lejl min-nhar: icun bħal dac ta Barra, rasu merfugħa mill ħsieb: uakt ix-xogħol jilbes tax-xogħol, u uakt il mistrieħ jilbes bħan-nies u stmat. Meta jidħol il Belt bil ċhemm jingħaraf li hua Bidui, għaliex barra milli icun jaf jilbes icun jaf ucoll igib ruħu.

JUANN MAMO

51, Strada Azzopardi, Via Marsa Hamrun

---

UARA LI TAKRAH "IL BIDUI"
ERFAU
GĦAX GĦAD TIGI BZONNU!
**Irriccmandaħ lil ħbieb tiegħec**
U AKRAĦ
LILL MIN MA JAFX JAKRA

---

DEMMEL IL KAMĦ B'IN-

**Nitrat tas-Soda,**

**u**

**għara id-differenza fil pis.**

**Fejn intuża in-Nitrat tas-Soda it-tieħdu**

**21 tomna kamħ iżied, Barra miż-żieda fit-tiben!**

**(għara "IL BIDUI" Vol. 1. No. 2 pag. 34,—37.)**

## BIEX NIFTHEMU!

—

Il karrejja taghna jafu illi aħna min dejjem nippublicau taħt l'isem "Peppi u Toni" dialogu ta taghlim. L'ismijet ta Peppi u Toni huma immaginarji u geu mghotija MINNHI BISS, u ghalihom ħatt ħliefi m'hu risponsabbili. Ghall'informazioni tal karreja taghna nista ngheid li dan id-dialogu "mictub minnhi" hu basat fuk mistoksij li il bdieua stess jghamluli fl'ittri taħħom chif ucoll fuk dac li fl'opinioni tieghi icun meħtieġ li uieħed isemmi, izda l'importanti hu li dac id-dialogu hu ivventat (biex ingħaid hecc) minnhi, u ma jippresenta "in realtà" ebda nies. Uara l'aħħar ħargia tal BIDUI, xi bdieua jeu nisa taħħom marru ghand il ħabib taghna il Canonicu Dun Vincenzo Vella tar-Rabat Malta u kanklu xenata ghaliex kalu li il Canonicu Vella ippubblica dac li zeug bdieua chienu jitħattu bejniethom fuk iz-zuntier xi ġranet kabel. Il cumbinazioni tat li i. bdieua chien jisimhom li *stess* cioè Peppi u Toni, u it-taħdita taħħom chienet fuk li stess suggett. Il biccia li uaħħlu li dan giè mictub mil Canonicu Vella chienet ghaliex il ħabib taghna Canonicu Vella li dejjem ħadem ghal bdieua daks chem ħdimna aħna—chien jeħu l'interess ikassam xi periodici hemmecc. Aħna nisperau li incidenti bħal daun ma jergiaux jiġru, u ippubblicana dan uaħda ghax gejna mitluba mill'istess Canonicu u l'oħra biex infehemugha taijeb—u m'ghandux icun hemm sbagli fuk dan - li l'articoli m'humiex iffermati li jidru f'dan il periodicu huma mictuba BISS MINNHI, MILL'EDITUR, U HATT HLIEFI M'HU RISPONSABBILI! IL BIDUI m'hux maħruġ bl'idea li jghokod jgheid fuk in-nies, ghal cuntrariu, hu maħruġ biex jgħallem .il min ma jafx, u li jati f'idejn il familj. kari tajjeb, onest u meħtieġ.

C. ZAMMIT-MARMARA'.

## IL IODIU

—

Biccia li fil gzejjer taghna giet milkugha dakxejn b'sorprisa hi il fatt li scopriet ixxienza fl'importanza tal uzu tal iodiu chemm ghal bniedem chif ucoll ghall'animali.

Ghan-nies s'issa, il iodiu—f'forma ta tintura, chien mgharuf bħala ħagia disinfettanti. Bosta mit-tobba li serveu fil guerra jgheidulna illi l'usu universali tal iodiu salva bosta nies mil meut mil feriti li chellom. Fil bidu tal guerra il Cbira il iodiu chien mghoti lil cull bniedem ta l'armata ta cull pajjis, u ghalchem dauna chienu jinsabu f'bosta postijet maħmugia, jiġru fejn l'ilma x'mindakkiet chieh jilħak sa rcubteighom; gha chem mita chienu jigiu feruti, biex jittrasportauhom sa l'isptar min jaf chemm chienu idumu u chemm boghod iridu imorru ma dan collhu in-numru ta nies li chienu feku mil feriti chien cbir bosta, uisk icbar milli jinsab fli storia ta guerer oħra. Cull ferita chienu jghamlula il iodiu, minn barxa zgheira sa feriti cbar, u fi qualunque cas, l'azzioni tal iodiu bħala disinfettant giet approvata chemm tista tcun.

Minn dac iz.zmien, bħalma uieħed jista jissoponi, beda li studiu biex jarau x'effett chellu il iodiu *geuua* il gisem, barra minn bħala disinfettant.

Il bniedem chif ucoll l'animali, ghandhom cull naħħa tat-*trachea* glandola imseiħa it-*tiroide* li tiġbor u izzomm figha il iodiu collhu li jittieħed mill'ichel u *xi ftit* mill aria.

"Mill ftit li nafu fuk ix-xoghol li tghamel din il glandola nafu dan: li hi ghanda x'taksam ħafna ma l'utilizzazioni tal ossiginu. Hi tati in-nifs l'in-nar metabolicu. Jecc jizdied in-nar jinħtieġ jizdied ucoll in-nifs biex izzommu jakbat seu. Dan ix-xoghol it-*tiroide* tghamlu permezz tal principiu attiv taħħa, *thyroxin*, u biex tipproduci it-*thyroxin* fi quantità bizzejjed ghal bzonn ta l'organismu, tinħtieġ quantità sufficienti to iodiu."

Il iodiu ghal bniedem jintghata permezz ta ftit ktar ta "tintura tal iodiu" fl'ilma jeu fil ħalib, izda haunecc nidħadtu fuk il iodiu ghall'animali li jintghata permezz tal *potassium iodide*.

F'ir-*Rowett Research Institute* ta Aberdeen, per esempiu, instab permezz ta tliet esperimenti mghamula taħt autorità taiba illi b'zieda ma l'ichel ta *quantità zgheira ħafna* ta *potassium iodide* ghal ħmistax il giurnata; majjali zgha. assimilau u zammu in-nitrogenu, *fosforus* u *calcium*. Dan ir-risultat

kal min ghamel daun l'esperimenti, juri chemm hu necessariu li uieħed icun zgur li hemm presenti iodiu bizzejjed fl'ichel li natu li naħsbu li icun fieħ is-sustanzi collha meħtiegia. Hu semma li f'esperiment li ghamel fl'istitut fuk ghoġliet, ghakda ta tnax il uaħda, li fl'ichel taħħom gie miziud il *potassium iodide* zdiedu fil pis f'li stess zmien, tliet knatar u nofs izied min ghakda ta tnax oħra li chellom li stess ichel imma minghair iodiu.

Nieħdu dan ir-risultat biex nibdeu. L'euuel principiu tan-nutriment hua li l'elementi nutritivi tal ichel ghandhom jigiu assorbiti (mixruba) mil *canal alimentari* * ghal parti fejn isir il metabolismu; inchella. ma ghanniex xi ngheidu l'ichel jintilef. Ir-*rachitide* hi cagiunata min meta dan l'assorbiment ma isirx seuua. Daun ir-risultati li semmeina fuk l'animali li ma chienu morda b'xejn, u li chienu considerati fi stat normali, juru li il iodiu jisviluppa f'kasir zmien l'utilizazioni tan-nitrogenu li jghamel il-laħam u tal *fosforus* u'l *calcium* li jghamlu il ghadam.

Il *Bulletin* Nru. 86, li uieħed jista jaccuista billi jicteb lil *Animal Husbandry Section, State College of Agriculture, Ames, Iowa,* ifisser b'ritratti, stampi u ħuejjeġ oħra sbieħ, tliet esperimenti mghamula fl'1920, 1921 u 1923. F'daun l'esperimenti, majjali zghar geu mghotija dosa zgħeira ta *Potassium iodide* ir-risultat chien illi daun bdeu jicbru 10 fil mija izied, u f'li stess ħin nakkset b'10 fil mija l'ichel li chien jinħtieġ ghalihom — prova oħra ciara bizzejjed tal gid li jghamel il iodiu. Dac li fieħ imfisser dan il *Bulletin* hu uisk importanti u interessanti u jati informazioni fuk il quantità ta iodiu li ghandu jigi mghoti. B'consum zgheir ta nofs granell (farca zgheira) ta iodiu *potassium iodide* il majjali ta l'euuel esperiment ħadu gherbghain giurnata sa chemm ureu li geu il kuddiem izied min dauc li ma geux mghotija iodiu fit-tieled esperiment, b'·03 granell, bdeu juru differenza biss uara 70 giurnata; b'zieda ma l'ichel ta ·65 ta granell culljum ta iodiu il majjali ureu li huma akua mill'oħrajn mill'euuel giurnata. X'uħud min dauc il majjali li ma geux mghotija iodiu, chien jidher fihom sintomi ciari ta *Rachitide.*

Li trabbi majjal ectar b'saħtu, ghaxra fil mija itkal b'ghaxra fil mija inkas ichel, hi ħagia bizzejjed soddisfacenti, izda hi ħagia ciara bizzejjed, illi il iodiu ighamel uisk izied milli semplicement izid fil pis. Li "Stafford Farm Institute" f'esperiment li spiccia f'Lugliu tal 1925, geu imrobbija majjali min botom uieħed, tlieta min daun li geu moghtija taħlita minerali bil iodiu chellom botom ta 27 (collha flimchien), l'oħrain li ma tauuhomx iodiu, izda li geu mghotija il ħuejjeġ l'oħra collha bħall'oħrain, chellom 18 il botom biss. Riguard il pis taħħom dauc tal iodiu chienu 7 fil mija itkal, izda fatt ectar importanti hu illi il botom taħħom bakghou dejjem f'collox akua mill'oħrain.

F'post cbir fl'Africa fein chienu keghdin jigiu imrobbija quantità cbira ta animali, in-nghaġ geu mghotija taħlita minerali bil iodiu li chienet ippreparata ghal xi majjali. Daun ghamlu biccia li katt ma ġrat f'animali bħalhom f'dac il pajjis; f'loc uieħed beda icollhom tnejn, u cull uieħed minn daun uisk aħjar mil uieħed uaħdu li chien icollom kabel.

Aħna gia tħadditna xi ħagia fuk ix-xghol li ighamel il iodiu fir rigenerazioni. Haunecc nistghu insemmu dac li jirriccmanda il "Canadian Dominion Animal Husbandman" meta fil postijet nieksa mil iodiu, dan ix-xoghol ma isirx. Din ticconsisti filli izzid cull ħmistax il giurnata mal ilma tax-xorb tal animal-omm, nofs cucciarina "potassium iodide" imdeuba fi quantità zgheira ta ilma uakt il ħbiela; probabilment ir-risultat jidher f'sena jeu tnejn.

In-nutrizioni izda, trid interpretazioni uisk acbar; uieħed m'ghandux jifimha biss bħala il basi taz-zieda fil pis u ta rigenerazioni ectar ghammiela izda ucoll bħala basi ta saħħa u energija u l'izied fil kauua li tcun tiflaħ ghal mard.

Haunecc, ghanna element ta supposizioni, u'l cuistioni collha m'hix ghar ragel li m'hux f'dil professioni, izda ghan-nies xienzati li jafu chif ghandhom jeħdu u jiznu ix-xieda u li iħarsu lein il custioni min bosta punti li jidru biss f'ghainein prattici. Izda meta uieħed igib kuddiem ghaineiħ il ħsara li tghamel il marda tas-siek-u'l-halk, tidher ħagia

(*) Il passaġġ mnejn ighaddi l'ichel.

ragionevoli li nissugerixxu li dan hu cas ghal studiu cbir u ricerchi bl'attenzioni ghal dauc li jistghu igibu lil din il problema importanti it-"trinoda necessitas" tal Esperienza, Esperiment, u giudiziu kauui.

Milli jidher, il iodiu icabbar u jati il kauua tar-resistenza fl'animali, bhal ma uiehed jista jara min dan li ser ngheidu. Insemmu l'euuel minn dac li kal Dr. John Boyd Orr "F'Montana (f'li Stati Uniti) chienu imutu uisk majjali zghar, jistmau li chienu imutu miliun uiehed fis sena. Instab illi chienu imutu daun collha imfhabba in-nukkas tal iodiu fl'ichel ta l'omm. Il hxejjex ta hemm chienu nieksa uisk mil iodiu. Izda jistghu ievitau din il hsara collha, u ma ihallux daun il majjali collha, imutu billi jatu dosi "zghar hafna ta potassium iodide" lill'omm.

Fid- "Dominion Agricultural Station" ta Ontario, post li hu niekes hafna mil iodiu, (bhal m'hu niekes cull post fl'intern tal Canada), chienu imutu hafna duieb min dac li stazion, cagiunati min infezioni li tipproduci marda fl' "umbilicus". Il cura tal vaccina ma irnexxitc biex tilka il marda. Oucciarina "potassium iodide" miziud ma l'ilma li jixorbu id-duieb cull hmistax il giurnata uakt il hbiela kerdet il marda ghal collox.

Cas jixbah il dan gie irrapportat minn Kirkcudbright (f'li Scozia), fein uiehed bidui li semgha bir-risultat ta Ontario (li ghadna chif fissirna) iccuta hu stess lid-duieb tighu. Kabel, 50 fil mija minnhom tilfu il frieh tahhom imfhabba li stess marda. "Uara li taghom il potassium iodide, 3 fil mija biss gralhom dan.

Jena nissugerixxi li daun il casi ta "resistenza" miziuda mill'iodiu jisthokkla studiu cbir mil gvern. Hua veru li f'lahhar zeug casi li semmeina, jirreferixxu ghal "bacilli" ta qualità uahda, izda jecc il kauua naturali tar-resistenza, tigi hecc furzata, li tirbah il velenu tahhom, icun genn jecc ngheidu, minghair ma ninvestigau seuua, li ma hix capaci izzomm infezzionijet ta qualità ohra fl'animali.

Hi hagia mgharufa li il iodiu fil glandola "Tiroide" jghamel xghol uisk mehtieg li jiccumbatti l'infezzionijet collha u cull velenu icun hemm fil gisem. Sestini mentri li chien jisperimenta fuk il fniech tall'India (sab li fil uakt li chienu keghdin jehelsu mil "Bacillus tifosus" il glandola Tiroide tcberu turi fenomena ta secrezioni kauuija cellulari. Sherman f'numru cbir ta Esperimenti li ghamel fuk grieden, sab li, mentri li meta jitmahhom il hafura chienu juru resistenza kauuija ghal "acetonitrile (methyl cyanide)," meta chien izidilhom certi componenti tal iodiu, chienet tcompli tizdied bil bosta din ir-resistenza, naturalment bl'effett li tghamel il glandola Tiroide. Hua fatt li l'ectar xghol mehtieg li jghamel il iodiu fil bniedem hua li jekred il veleni mil gisem L'inkas u l'ahjar hagia li nistghou nghamlu hi li narau illi il glandola Tiroide icollha dejjem mahzun dac li hu mehtieg biex tcun tipprotiegi il gisem.

Biccia xoghol ohra tal iodiu hi li izzomm b'sahhita il gilda u'l cobor tahha. Nukkas ta xghar fil majjali u ta suf f'in-nghag hu collhu gej min nukkas ta iodiu. F'Michigan katt ma setghu jehdu suf tajjeb min-nghag kabel ma bdeu jghtughom il iodiu. Izda issa m'hux biss is-suf hu icbar izda ta qualità uisk ahjar; "il iodiu tghà lil is-Stat ta Michigan industria sabieha tas-suf".

L'opinioni culjum ked tizdied f'dauc li jistudiau u ighamlu ricerchi, illi in-nutrizioni li chienu jgheidu li tigi min "vitamini" differenti realment gejja min minerali li icun hemm fl'ichel u l'ectarnett fil iodiu li icun fighom. L'argumenti li giebu il kuddiem favur din il custioni jidru bizzejjed kauuija. Il gozzo giet approvata ghal bosta drabi li hia marda gejja min-nukkas tal iodiu; izda ipproduceu ucoll b'esperiment din il marda b'ichel niekes mil "vitamini". Nukkas ta vitamini-contra-ir-rachitide igheidu jipproduciu il marda rachitide; izda ir-rachitide hi iccagiunata min-nukkas ta assorbiment mill intestini ta fosforus u calcium, u gia ureina chif il iodiu jghein u izid l'assorbiment ta daun l'elementi li jghamlu l'ghadam.

## IL IODIU U IL COBOR TAL PIANTI

Xi sentein hilu il possibiltà illi il iodiu ghandu poter li icabbar il pianti, xein inkas milli ghandu fuk l'animali u fuk il bniedem, gie is-sugerit f'ittra lil "French Academie des Sciences" li figha chieu

imfisser chif, l'esperiment mghamul fuk il Pitravi-taz-zoccor ħadu zieda ta ictar minn 20 fil mija, bil i tau 2 libbri "potassium iodide" fuk cull "acre*" raba. Minn dac iz-zmien ħafna esperimenti li m'humiex officiali, saru f'diversi pajjisi, izda ir-risultati chienu imħauda u ma jakblux, imma collha fl'imchien jicconfermau ir-risultat li ittieħed mil l'esperiment li fuk semmeina. Hecc f'razzet f'Cotgrave, Notts., xieda li tvaria min 2 sa 40 fil mija ittieħdu permezz ta "Potassium iodide", u minn Jablonica, it-tabib Dr. Karl Werba, tgha rapport ta risultat favorevoli ħafna ucoll.

Mill banda l'oħra diversi esperimenti tau risultati negativi. Hagia ciara, jinħtieġ ħafna esperimenti kabel ħegia definitiva tista issir fuk l'azioni tal iodiu fil cobor tal pianti, izda tidher ħagia f'lakta li uieħed isemmi haun, dac li m'ilhux uera il Professur Sir Jagadish Bose, F.R.S., fl "Research Institute" tighu f'Calcutta (India) Hu poggia zocc tal ħaxixa tal ilma "Hydrilla" f'tubu apposta tal esperimenti, u uera li meta ikgheda fid-daul tax-xemx, hi terħi minnha l'ossiginu. Imbghad tgha lil dic il ħaxixa dosi uaħda uara l'oħra ta velenu, etere, u estratt tal glandola tiroide. Taħt il velenu il ħaxixa mietet. Bl'etere giet stimulata, izda uriet effett ħazin uara. L'estratt tal glandola-tiroide ghamilla gid ħafna u ma ghamel ebda effett ħazin uara.

Issa jecc l'estratt tat-tiroide jista jipproduci effett hecc kauui tidher ħagia possibbli li il principiu attiv taħha li hu il iodiu, ghandu proprietà ta energia li tista tintusa ghal agricultura. U x'inhu "hemm xi ħagia fieħ". F'li Stati Uniti il iodiu hua considerat bħala ħagia importanti li ghanda tcun fil ħamrija ghal svilupp regulari tal pianti, imma ma ghamlu ebda ricerchi fuk dan il pont s'issa. Fi Franza, izda jidher li chien hemm xi investigazioni fuk dan, u b'success ghaliex issa kghed jghamlu xi demel artificiali compit bil iodiu.

Interess cbir hemm f'din l'affari, ghaliex jista icun illi bħal ma il iodiu jiffranca il mard lil Bniedem u lil bhejjem, hecc ucoll jista jilka il mard min fuk il prodotti.

---

(*) *Acre* fieħ ftit izied min 3 titmiem u nofs.

## IL ĦANZIR.

Mictub mill Professur J. Borg M.A.,M.D., Suprantendent tal Biedia.

( *Jissocta man-numru ta kabel* )

### IL ĦANZIR ISUED CBIR.

Ghal dac li hua cobor din hi ir-razza li tghati ħniezer ta l'icbar daks, seu ghal gholi tal gisem chemm ghal pis. dàn il ħanzir hua ta leun isued, micsi b'suf isued fin, bla ebda leun iħor. Ir-ras hia tuila u ħoxna, b'ghonk tuil u ohxon, u bil uidnein tual u mixħutin fuk il uiċċ, imma m'hux itual mill gheddum. Id-dahar tujl, uisgha u dritt, jeu ghola bħal ħnejja, minn fuk ir ras sad-demb; bi ġnub fondi u sakain ksar, ħoxnin u dritti, b'coxox cbar u mimlijin. Din ir-razza bil chemm hila tesisti tnein-u-ghoxrin sena, imma illum hia mgharufa bħala uaħda mill'aħjar.

### IL ĦANZIR ABIAD TA LINCOLN.

Il ħanzir abjad ta Lincoln m'hilux zmien tuil mgharuf fil Biedia Ingliza, ghad li il bdieua ta Lincoln chien ilhom bosta snin irabbu minn din ir-razza, ghaliex chienet ticber cobor tal ghageb, ghad li dac iz-zmien chienet tiddauuar uisk biex tismen. Illum din ir-razza saret tissemmen ħafif, imma chif jiġri f'razez oħra, izjed jghaggel jismen iz-zaghazuħ milli jismen il cbir. Il ħanzira ta din ir-razza tghamel ħafna friegħ cbar u b'saħħithom, u trabbi il friegħ tajjeb. Il ħanzir abjad ta Lincoln jixbaħ il ħanzir abjad cbir, jicber daksu u xi dradi jghaddieħ mid-daks.Bħalu ghandu sakaiħ kosra, u micsi b'suf abjad mingħair suf ta leun iħor, imma sufu hu ftit itual, u imgigħed jeu innucclat. Il gisem hu ftit ghola u forsi eħxen, b'coxox cbar u ħoxnin, b'ras icbar, u izjed mghaddsa l'isfel. Jismen uisk imma m'hux niekes mid dejf, u ghalhecc laħmu mill'aħjar ghal beicon, u iz-zghazuħ hu ucoll tajjeb uisk ghal perzut.

Ħniezer oħrain ta razez li jicbru huma

il ħanzir imtabba ta Gloucester u il ħanzir ta tebgħa ħamra fuk dahru. It-tnein huma ħniezer sbieħ, li jixbħu il ħanzir ta Tamworth: tant fid-daks chemm ucoll fil qualità tal laħam u fit-trobbija taħhom. Il ħanzir imtabba icun isued bi tbaija cbar sued. Il ħanzir ta Wessex, ta tebgħa ħamra fuk dahru (Saddleback pig), hua isued b'tebgħa cbira ta leun abjad fuk spa'lejħ u biċċa minn dahru, li tibka niezla sa fuk is-sakain ta kuddiem. Din ir-razza hia imsemmia għax ma tantx timrad u hi ta forza cbira, tissemmen malajr, tgħamel cotra ta friegħ darbtejn fis-sena, u il friegħ jicbru ma'air meta icunu ma ommhom.

Hemm ucoll il ħanzir cbir abjad ta Ulster u il ħanzir cbir abjad ta Yorkshire li jixxibħu, imma ta leuuel għandu uidneiħ imdendlin fuk uiċċu, b'xagħar ħafif u fin, u b'gilda fina, u għalhecc hua stmat uisk għal bacon.

Il ħanzir ta Cumberland hua cbir ġmielu, għandu gilda bajda b'xagħar abjad, b'uidneiħ imdendla u b'għeddum imfattar.

Il ħanzir ta Essex hua ta razza antica, ta daks cbir, isued, b'faxxa uasgħa bajda fuk spalleiħ li tibka niezla sa fuk sakaiħ ta kuddiem; imma għeddumu, dembu, u sakaiħ ta uara huma bojod ucoll. Il ħanzira hi għammiela uisk u trabbi tajjeb il frieħ. Din ir-razza tissemmen malajr u tgħamel id-dejf, mingħajr ma icollha grass zeijed.

Haun Malta ma nuzaux insemmnu il ħniezer biss għal grass u għas-sonza bħal ma jgħamlu dauc li f'America irabbu il ħniezer għol fabbrichi tal grass u taxxaħam. Aħna inrabbu il porcu frisch, u il ħsieb tagħna hu li nipproduċu laħam tari u bnin, u għalhecc ngħamlu seuua uisk li insemmnu il ħanzir fuk il granza u is-smida, jeu fuk il patata mgħollia, jeu fuk is-smida tal kamħ-ir-rum, imxarrba b'xi ftit ħalib jeu bix-xorrox. Imma jecc aħna incattru il għadd tal ħniezer li inrabbu, jixrak uisk li nibdeu ngħamlu ucoll il beicon u il perzut. Sal-lum l'izjed li naslu biex ngħamlu ftit laħam immellaħ, l'actar mita icolna xi porcu li baka ma inbiehx, jeu it-tabib tal biċċerija ma jgħaddiehx għaliex icun fih il ħabb. Ngħamlu ucoll xi zalzett. u culħadd jaf dari x'zalzett taj'eb chienu jgħamlu, u chemm chien imfittex. Il-lum għaz-zalzett actarx jgħamlu uzu minn laħam ta li scart, mit-truf, mita ma icunx fieħ ucoll xi laħam tal mogħos u tal għidjen! X'ngħeidu imbgħad għat-taħuir tigħu; actarx icun mielaħ toscu biex bil melħ jgħattu it-togħma ħazina tal laħam, u bi ħuauar jeu izjed jeu inkas milli imisshom; u minn hecc gej li il-lum il consum taz-zalzett nakas uisk, fein dari ma chienx haun familia li ma chienitx tiecol iz-zalzett darba jeu darbtein fil gímgħa, jeu li ma chienetx izzomm fid-dar iz-zalzett niexef bħas-suprissat.

M'hemmx bzonn ngħeidu li għad li il beicon u il perzut jista jgħamlu culħadd, bħal ma cullħadd jgħamel iz-zalzett, chien jixrak li icolna fabbrica għal dan ix-xogħol, f'idejn nies tal galbu u li jafu seuua is sengħa taħhom, għaliex b'hecc biss nistgħu nittamau li icolna perzut u beicon u supprissat jeu zalzett li icun iħabbatha ma dac li nixtru min barra. Mita icolna fabbrica bħal din li kigħed insemmi jista il fabbricant jiftiehem mal bdieua biex irabbulu il ħniezer tar-razza u tad-daks li l'izjed jgħodd għaljeħ, u bil mod chif irid biex il-laħam icun ta qualità li jgħati perzut u beicon taijeb.

IL-HANZIR FIT-TROBBIJA U IT-TISMIN.

Biex tirnexxi, fit-trobbija, jigifieri biex tnissel ħniezer ta razza tajba u li tħallas hemm bzonn li il ħanzir u il ħanzira icunu ta razza tajba, li l'animali icunu b'saħħithom u ta għadma tajba, tad-daks u taz-zmien li jixrak, li icunu mitrugħin tajjeb, imma fl'istess ħin bl'economija collha, biex il bidui jibkgħalu il klieħ ll imissu.

Il ħanzir u il ħanzira tar-razza iridu icunu ta forza tajba, biex ma icunux marradin, u għalhecc irid icolllhom fejn jirgħau għal arja, fil beraħ, biex jibkgħu dejjem b'saħħithom, u mal ħaxix li jeclu, intuhom xi ftit ġuies sustanzius biex seu il ħanzir li irid icopri u il ħanzira li trid trabbi ma jincheddux iz-zejjed. Għa-

liex hia hagia fid-deher li hanzira li tiled ghaxar friegh, jeu izjed, thalli klieh actar minn dic li tiled sitta jeu sebgha, u biex trabbi sitt friegh jeu ghaxra trid tiecol li stess bejn uihed u ihor; u targia il hanzira trid tinzamm tasseu b'sahhitha biex tghamel fis-sena zeuġ t-ibtan ta ghaxra jeu izied. Il hanzir jeu hanzira tar-razza, jecc jista icun, ghandhom icunu mghazula mit-tieni jeu mit-tieled boton, u katt minn ta leuuel boton, ghaliex il hanzira ta leuuel boton actarx li tcun ghadha zghazuha uisk biex taghmel friegh tasseu b'sahhithom u tajbin ghar-razza Ghalhecc il hanzira li tinzamm ghalbiex niehdu minnha il hniezer tar-razza ma ghandiex tghati izjed minn botom uihed cull sena, biex tcun tiflah tghati friegh b'sahhithom u trabbihom seuua.

Ghal daun il hniezer tar-razza jixrak li il hanzira inresskuha ghal hanzir ghal habta ta nofs Novembru, u hecc billi it-tkala tahha ildum ghal erbgha xhur, tigi tiled ghal habta ta nofs Marzu, li hu l'ahjar zmien biex il friegh jigiu h'sah-hithom. Il hniezer tar-razza ma ghand-homx jokghodu dejjem gio'l makjel; leu-uelnett ghaliex hemm l'arja ma tcun katt tajba biz-zejjed, u imbghad ghaliex bil kaghad l'animal jismen actar milli icun seu, biex jibka tajjeb ghar-razza.

Il hanzira jahtieġ li icollha hobbha cbir, b'xi tnax il bezzula, u li icollha halib bil uisk, biex il cotra tal friegh isibu collha mnejn jerdghu fli stess hin, inclelè jiġri li uihed jimbotta, jimbotta u iuarrab lil ihor, u min hu fosthom ftit dghaijef jeu ftit ġuejjed jibka bil ġuh u ma jieberx chif imissu.

Dauc li irabbu il hniezer ftit jimpur-tahom ghal habta ta mita il hanzira tfarra; imma dauc il ftit li ifittxu li jghamlu hagia seuua actarx li jghamlu b'mod li il hanzira tfarra ghal dhul marzu u ghal nofs Settembru jeu thul Ottubru. Mita il hanzira tfarra ghal dhul Marzu u id-dum tradda il friegh ghal tmien gimghat, imbghad malajr nitilkuha ghal hanzir malli jasal zmienha, actarx li tfarra ghat-tieni darba fl'euuel jeu fit-tieni gimgha ta Settembru. Minn hecc jigi li il friegh ta Marzu jilhku ghal ktil, ghal porcu frisc fi zmien ta erbgha xhur, ghal Lulju, jeu icunu uaslu ghal beicon u ghal perzut ghal habta ta Ottubru jeu Novembru; fil uakt li il friegh ta Settembru jilhku ghal Jannar jeu jibkghu jitrabbeu u jis-semnu sa ma tidhol ir-rebbigha.

Hanzira li ghandha m'hux izjed minn sena, actarx li tiled biss xi sitt ulied; u hanzira ta hmistax il xaghar jeu ta sena u nofs tiled ghaxra jeu izjed, imma ghad li tcun mghammra seuua bil halib actarx li ma tcunx tiflah tradda izjed minn ghaxar friegh, mita tghamel boton uara l'ihor, Ghalhecc ma ghandniex inhallulha izjed minn ghaxar friegh u billi ma cull boton icun hemm dejjem xi ferh jeu tnein actar dghajfin mill'ohrain, ahjar noktlu-hom mil-leuuel, floc li inhalluhom jerdghu u jittrabbeu ghal xejn. Daun il friegh dghajfa u mghacusa m'hux biss li ma humiex tajbin ghar-razza, imma jerdghu hazin u jittrabbeu hazin, u jehdu zmien tuil biex jissemmnu, u ghalhecc it-trob-bija tahhom ma tcunx takbel ghal beicon u ankas ghal porcu frisc.

Bosta minn dauc li irabbu il hniezer ma jimpurtahom xein ghal mita jituieldu il friegh, imma collha jafu li dauc il hniezer li jituieldu ghal habta tar-rebbigha jeu tul is-sajf izjed jitrabbeu b'irhis minn dauc li jituieldu ghal harifa jeu fix-xitua, ghaliex isibu izjed x'jirghu u x'jeclu mil fdal tal frott u tal ucuh tar-raba. Il hniezer jinfatmu fi tmien gimghat uara it tuelid, u ghalhecc dauc li jituieldu ghal Marzu jilhku biex jissemmnu fuk ic-causri u fuk frottijet ohra, u l'omm malli jasal il hin tahha targia tobton, u tfarra ghal nofs Settembru mita l'ajru icun ghadu shun biz-zejjed biex jicbru u jissahhu kabel ma jibda il bard tax-xitua. Billi il hniezer li jitrabbeu ghal porcu frisc jistghu jaslu ghal biccier minn tlieta u nofs sa erbgha xhur uara it-tuelid, fil uakt li hniezer li jittrabbeu ghal beicon iridu xi sitt xhur jeu sebgha, ghalhecc il friegh ta Settembru jaslu ghal porcu frisc ghal nofs Jannar, u jaslu ghal bei-con ghal ahhar ta Marzu.

Mela min irabbi hanzira ghar-razza

ghandu jghazila mit-tieni jeu mit-tielet boton, li icun fieħ ħafna friegħ (xi tmienja jeu disgħa), li tcun imnissla minn omm ghaklija, u chemm il missier u chemm l'omm hemm bzonn li icunu ta razza tajba u li jicbru. Ħanzira mrobbiha fuk it-truf tal biċċeria actarx li toħroġ nofs salvaġġa u grixtija, u toktol u tiecol l'uliedha jeu ma traddaħħomx seuua. Hemm bzonn niftacru ucoll li il ħanzir hu animal li jghamel uisk f'kalbu mita icun uaħdu, u ghalhecc jakbel izjed li uiħed irabbi zeuġ ħniezer nisa ghar-razza, milli irabbi uaħda. Hecc ucoll mita niġu biex insemmu il ħniezer icun aħjar chiecu jokghodu tnejn jeu tlieta flimchien f'makjel uiħed, jeu li l'imjekel icunu mifrudin b'ħajt baxx l'animali juensu lil xulxin u jarau uiħed lil iħor.

Il ħanzira tar-razza ghandha tinzamm fil beraħ, biex icollha fejn id-dur u tiġri, u hecc tibka b'saħħitha izda ftit tal ġranet kabel ma tferra ghandha tinzamm fil gorboċ jeu fil makjel taħha, biex tilħak tidra il post, u intuha ftit tiben biex iġġor ghal bejta. Il ħanzira iddum tkila ghal 112 il jum, u f'dakshecc ma hemmx animal iħor li hu hecc tal kies fil ġranet tat-tkala, ghaliex ftit jiġri li il ħanzira teħles xi giurnata jeu tnein kabel jeu uara. Imma jaħtieġ li il ħanzira fil ġranet li tcua tittenna fil makjel inħalluha toħroċ xi ftit biex iddur ċaura u tieħu in-nifs. Actarx kabel ma tfarra tibda iġġorr it-tiben jeu il ħxielef biex tghamel il bejta fejn tfarra. Actarx ucoll li tfarra mal-lejl, u ma ghandu ħatt jokghad fejnha jeu jissiccaha billi jokghoċ gej u sejjer ineulilha l'ichel cull mument, ghax izjed jista jghamel ħsara inchellha gid.

Il ħanzira tar-razza ma ghandniex inħalluha nieksa mill ichel, li tgholob u tbati u timrad, u inkas ma ghandha nitimghuha uisk ghaliex tismen zejjed u titkal, u mita icollha il friegħ izjed tista tghaffeġ xi uiħed minnhom ghax tcun goffa. Ghaldakstant xi uħud juzau fil makjel, fejn torkod il ħanzira bil friegħ taħha, imaħħlu virghi tal ħadid minn ħajt ghal iħor, maduar il makjel, xi nofs xiber il fuk mill art u xi dakshecc iħor boghod mill ħajt, u hecc mita il ħanzira tinxteħed mal ħajt biex torkod, jecc jinzirta hemm xi frieħ bejn ommhu u il ħajt, icollhu fejn iuarrab u mnein jghaddi biex isalva gildhu u ma jibkghax imghaffeġ hemm.

(*Jissocta*).




Peppi u Toni

P.—X'hemm Ton, is-soponeit li illum tcun haun u geit apposta biex nintaka mieghec ghax irrid nghamillec xi zeug mistoksiji.

T.—Gheidli xi trid taf Pepp. Fejn nista issibni dejjem mieghec

P.—M'hauux ghalic Ton. Il bieraħ cont ked nara is-sigiar tat tuffieħ ta belludja, u sibt x'uħud minnhom ghandhom xi uerak imgherbeb.

T.—Inti fleithom seuua il uerak ?

P.—Iva Ton, altru li fleithom; sibt li il uerak fihom ħafna dud zgheir aħdar, imma jena naħseb li dan ma jghamilx ħsara uisk.

T.—Sejjer zball Pepp. Huma dauc id-dud li kghed issemmi li igiaghlu il uerak jidgherbeb. Dac id-dud jghaidulu *Afis*— jeu chif nafuħ aħna *berghout* — bħal dauc li imiss is sigiar, jghaugiu ir-rimi u igieghelu il uerak jidgherbeb.

P. Hecc hu Ton, allura x'ghandu uiħed jghamel biex jekerdu ?

T.—Bixx lil pianti jeu sigiar minsusa minnhu b'mistura ta tabacc fenicat (2 p c.) jeu aħjar zid dan mal mistura Bordulisa—dic li nuzau ghal bexx tal Patata--b'hecc tekreċ il berghout (l'Afis) u fli stess ħin tilka is-sigiar mil mard tal uerak; ghal dan il berghout illum

issib ucoll mistura tan-nicotina lesta, u taibo uisk, u tekerdu *zgur*.

P. Seuua uisk Ton. Sa haun ghallimtni ħaġa meħtieġa ħafna.
Issa irrid nghamillec mistoksija oħra Ton. Xtakt naf x'inhù l'aħjar ħagia biex figha jinzamm l'ghasel,

T. — Jecc icolloc ftit, l'aħjar ħagia huma l'affarijet tal ħgieg jeu tacciakkuf (Porcellana.) Jecc icolloc quantità cbira ghandec tuza affarijet tal metall.

P. — Imma jen naħseb, Ton, illi il metal iħassar l'ghasel, mhux veru ?

T. — Iva, imma scont il metal li tuza. Ara per esempiu il ħadid iħassar it-toghoma tal ghasel, icciomb u iz-zingu iħallu melħ velenus, ghal dir ragiuni daun il metalli m'ghandecx tuzahom.

P. — Taiba din Ton, allura x'nuza ?

T. - L'aħjar li tuza li stann u l'aluminiu. Min floc li stann pur, uiħed jista juza il ħadid stagnat, L'aluminiu izda hu l'aħjar, u ghalchemm jisua il flus, izda meta tixtrieħ darba u iz-zommu tajjeb, iservic ħaitec collha.

P. — Mela indauuar iddiscors Ton, ftit granet hilu mort ghand Michiel u rajt l'ghalka tighou fejn juza in-Nitrat tas-Soda — xi gmiel Ton !! Tasseu titghaxxak b'dic il ħdura u sbuħija tal Prodotti.

T. — M'ghattlecx jen, Pepp, imma int ma tridċ tisma.

P. — Chellec ragiun Iva, imma ghokod zgur li mil-lum il kuddiem nibda nuzaħ In-Nitrat Ton. Fejn taf x'differenza cbira hemm min dauc il prodotti tan-Nitrat u l'oħrajn ta minghair Nitrat !!! Tbirichom tasseu il ftit flus li tonfok fieħ!

T. - U zgur li tbirichom. In-Nitrat tas-Soda illum-il-giurnata hua mgharuf biz-zejjed Pepp, u ir-riccmandat mil gvernijet tad-dinja collha. Mita ngheidlec illi fi prova li saret, sieħ u nofs raba fein chien minghair Nitrat tgha 313 ir-ratal patata, u is-sieħ u nofs l'ieħor b'in-Nitrat tgha 541 ratal. Aħseb ftit Pepp. 228 ratal patata izied f'sieħ u nofs raba. Quasi id-doppiu ! Colha geu mizrugha flimchien u ic-cultivati collox li stess .. Altru jirrendix !!!

P. — Il marelli ħej!.... Tajjeb.... 228 ratal f'sieħ u nofs fihom taf !.... U chif il bdieua ma juzauħx collha ?

T. — Ma juzaħx min ma ippruvax, pepp, min jippruvaħ darba jibka juzaħ dejjem. In-Nitrat m'hux ghal patata biss tajjeħ imma ghal prodotti collha, anchi ghas-sigiar. Biex tcun taf chemm iservi in-Nitrat trid tippruvaħ pepp, u 'mbghad tara chif int stess tibda tirriccmandaħ lil ħadtieħor. BASTA TUZAH SEUUA.

P. — Cos Ton, daun ħuejjeġ li il bdieua imisshom jghokodu attenti ghalihom.

T. — U ngheid Inti taf daksi Pepp, il Patata chienet l'actar prodott li iħalli il klieħ.... il-lum il bdieua collha jaktghau kalbhom minnhu u..

P. - M'ghandhomx ragiun ?!

T. M'ghanhom ragiun xejn, ghax dac li igibu quasi igibuħ b'idejhom. Il patata hua prodott li jinħtieġlu jigi cultivat tajjeb u jecc tonfok sold izied l'haun u l'hinn jisuielec m'hux ftit. Il Patata biex tghamel chif imiss trid sustanzi actar minn prodotti oħra. L'actar ħagia meħtiega hi Pepp, u ifimni tajjeb. Il patata ghanda bzonn sustanzi min malli tibda ixxenxel u....

P. — X'inti tghid Ton, hua in-demel m'hux kabel nizirau intuħ aħna, allura is-sustanzi m'hux hemm icunu dejjem.

T. - Xejn affattu........ Id demel tal bhejjem li natu aħna ma jerħix minnhu is-sustanzi malajr izda irid jghaddi xi zmien min fuku, u anchi chiecu chien jista jittieħed malair, sustanzi bizzejjed ma hemmx fieħ, ghal din ir-ragiuni in-Nitrat tas-Soda hu famus ghaliex il prodott isibuħ uara ftit sighat li ittieħ int. In-Nitrat tas-Soda hua collu chemm hua sustanza ghal patata u bieħ il patata tilħak bicri izied u taghmel uisk actar bħal ma gia ghedtlec.

P. Iva allura chemm trid tghati min dan in-Nitrat ?

T. - Nitrat ghandu jintaghta 4 tartal u quart fuk cull sieħ raba uara xi tliet tijem li tizra u tergia tati 4 tartal u quart oħra fuk cull sieħ raba xi tliet tijem uara li tinbet. Bosta bdieua isibugha ta vantagg cbir meta jati 4 tartal oħra xi tliet gimghat uara.

P.—Imma in-Nitrat ghali xein Ton? Ghax ħafna nies igheidu li hu tajjeb uisk imma li hu ghali!

T.—Jheid hecc min jaħdem bl'addocc u minghair ma ikies!.... Hua meta inti tonfok tmintax irbighi u permezz taħha takla nofs lira izied milli chiecu takla jecc ma tuzaħx ma jakbillecx?

P.—U sgur li jakbel....

T.—Barra minn dan icolloc raba i ighaxlil cull min jaraħ, ħdura ta ġmiel liema bħalu.... int tokghod bil pipa f'ħalkec tieħu gost tara ir-raba tighech chif gie il kuddiem u aħjar bil bosta min ta ħattieħor, fil uakt li il girien ikattghu imsarnhom bil gheira li icollhom ghalic?

P.—Seuua kghed tgheid Ton. Ghada stess nixtri in-Nitrat; la hu hecc tajjeb jinħtieġ li nuzaħ. Issa ser nara imħallicx ghax illum ghamilna discursata itual min tan-nisa, u ngheidlec isseu li stoncu tighei voit ghal collox nara nimlieħx xi dakxe n, saħħa Ton u grazzi ħafna.

T.—Saħħa Pepp, m'hemmx imniex

## IS-SITT COMPETIZIONI.

—

### CULHATT JISTA JIRBAH!

—

Ghal din il competizioni biex culħatt icun jista jiccompeti, l'editur ser jghati sitt premijet, ghal

**"L'Aħjar ittra jeu Articolu fuk l'Agricoltura"**

*Dauc li jibghatu ittri u ma jeħdux premiu, jitla premiu bix-xorti beiniethom. B'dan il mod ghandu cians jirbaħ cullħadd.*

**Condizionijet**

1 Ħadd ma jista jicteb actar minn ittra uaħda fuk li stess suggett.

2 Ħadd ma jeħu actar minn premiu uieħed f'DIN il competizioni.

3 Jista jicteb culħadd, cbar u zghar nisa u irgiel, bdieua u dilettanti.

4 Ittra taħt isem falz jeu imaginariu *ma jigiux imdaħħla ghal premiu.*

5 Ħadd ma jista imakdar jeu ifaħħar il Gvern jeu jgheid xi ħagia li tista tfixchel xi partit politicu (icun min icun). L'ittri li icun fihom xi ħagia hecc, *jitilfu il premiu.*

6 L'ittri ghandhom jimbghatu lill Editur tal Bidui m'hux actar tard mitt-28 ta Ottubru 1927-

7 L'ittra li ma icunux originali jis tghou jitilfu il premiu.

8 L'Editur ma jghamilx tajjeb ghal dauc l'ittri li ma jaslulux, jeu jintilfu fil posta.

9 L'Editur jirriserva id-dritt li jati il premji li jidirlu hu, sconċ ma icun jistħokk.

10 Id-decisioni ta l'Editur f'cull ħagia li ghanda x'taksam ma din il competizioni torbot, u ħatt ma jista jappella fuka.

N. B. Min jiccompeti jinsab mitlub li jicteb fil kasir. Ittri tual uisk ma icunux nistau nippublicauhom.

## Il Kaddis Bidui
## SANT'ISIDORU

Il ħajja tighu fi ftit cliem, migbura mill CAN. DUN VINCENZ VELLA A.T.,T. Th. B.

—

"Lilech o maħbub ta kalbi ħabib ghazis "Sur C. Zammit Marmarà F. R. H. S., Edi-"tur u Direttur Onorariu tal Periodicu Agri-"colu Industriali Il Bidui, li b'tant ghakal "gherf u ħeggia inti kighed tmexxi.

"Jena li nakraħ b'attenzioni l'actar cbira, "ghaliex ghalchem ma hiniex giardinar, "però nitghaxxak uisk bil ħdura, il fiuri u "il frottijet tal Campanja, u minn din iz-"zbuħija taħħom, nista nicconsidra il ġmiel

"u it-tiubija ta min ħalakhom. Ghalec jena "irrid nicteb daun l'erba chelmiet fuk "il ħajja ta dac il Bidui li mix-xghol tar-"raba gharaf jghamel l'icbar post fis-Sema, "flimchien mal maħbuba martu, li chienet "ucoll tgheinu f'dan ix-xghol, u jena ħsibt li "din id-dajfa chitba tighi, niddedicaha lilech "Sur Direttur, li tant tħabrech u tixtiek il "gid tal bdieua tghana, sabiex bil ghainuna "ta ċan il Bidui kaddis patrun taħħom, huma "jakilghu l'ghainuna fix-xoghol, ma jilmin-"taux minn ċan is-salib taħħom, imma bis-"sabar u il ħidma inizzlu mis-sema ir-rugiada "celesti, li tatihom ħazna taiba, imbghad "ħleuua ta frott mis-sema ghal dejjem, u "lilech sur Direttur il ħlas li ħakkec, mil "Giardinar Divin, Sidna Gesù Cristu"

L'Imdina. Nhar S. Vincenz 5 t'April 1927.

CAN. V. VELLA.

*
* *

## SANT'ISIDORU

I.

Fis-sabiħa campanja, li id-dur ma duar il belt ta Madrid, belt reali, fil ġranet zbieħ tal primavera, fis-sena 913 tuieled Isidoru taghna, min familja fkaira tal bdieua, izda chienu ghanjin fil kdusija u imzejnin b'cull xota ta virtù chienu l'ghageb u l'esempiu ta sħabom F'din il kdusija u il ħajja tar-raba rabbeu il maħbub binhom Isidoru.

Il genituri l'oħra chienu imexxu l'uliedom fuk il ħajja ta dan it-tfajjel. Fi zmien ta l'età tighu innocenti chien dejjem ma duar il genituri tighu u minnhom tghallem il vera imħabba t'Alla u tal proxxmu. Mita sar giuvni gharaf chif taħt sura ta uarda l'actar sabiħa tinsab ix-xeuca, ghalech deijem gharaf jaħrab il cumpania ħazina, u iħarrab lill ċauc il giuventur bdieua bħalu li chienu jokghodu ghat taghlim imkaddes tighu. Xi dakkiet chien jintaka ma giuventur li ighadduħ bid-daħc, u ma jokghodux ghal cliemu izda hua bil chelma it-taiba, bil pacenzia u is-sabar deijem irnexxielu jirbaħħom. It-tiubija, l'ghakal u il kdusija tighu chienet tghaggeb u tigbed il culħatt ghal uaraħ, il bdieua collha chienu iħobbuħ, u jitghallmu minnhu.

L'isbaħ virtù imbghad tighu chienet, l'imħabba lein il Cnisia, culjum chien ifittex li imur il Cnisia jisma il kuddies b'devozioni tant cbira, li chien donnu Serafin tas-sema u mux le bniedem tax-xghol. Li stess nies tal belt chienu jeħdu esempiu minnhu, chif igibu ruħħom fit-tempiu t'Alla. Nitghalmu immela il coll, specialment il bdieua chif igibu ruħħom fid dar t'Alla, ma imorrux il Cnisia bħal ma icunu fir-razzett.

Isidoru tghana sar giuvni, u il genituri tighu jicbru, ghalech ħaseb sabiex hua imidd ghonku ghax-xghol, biex ighein ucoll id-dar. Daħal ghalech bħala xriech, ma certu cavalier uisk ghani minn Madrid, jismu Iban ta Vargas, u dan ħalla taħt ideiħ l'oksma tighu.

Isidoru malair applica ghalieħ in-nifsu dac il cliem imkaddes li Alla kal lil Adam "Ghandec tiecol il ħobs bix-xghol ta ideich u bl'gharak ta ġbinech" Ghalech dan il bidui kaddis, intafa b'ruħu u gismu bħala veru kaddei fidil u prudent, u ghalchem il padrun tighu chien ragel bisbeticu u supperv, però Isidoru chien iservieħ bil ferħa u bil ħleuua collha, saħansitra chien ighaggeb lill'istess padrun tighu. Ghalchem chien icun vgat bix-xghol però l'Alla katt ma ħallieħ; u Alla mil banda l'oħra deijem uakaf mighu.

Mita chien icun jaħdem fir-raba, jaħrat, ighazak.... moħħu deijem f'Alla, u fommu bit-talb imkaddes. L'obblighi tighu bħala nisrani katt ma nakasom, contu tarauħ fil ghodu fil cnisia biex jisma il kuddies, jit-karben, jinvista l'altari u jghamel cull xorta ta taħriġ imkaddes kuddiem Gesù Sagramentat, ghalech il ħin chien jeħdu u chien imur tard ghax-xghol, imma l'ghageb tighu, chien isib ix-xghol nofsu lest. Dan chif chien isir?.... Min chien imur jaħdem min flocu? U dac ix-xghol hecc ibes tal ħrit, tal klip ta l'art chien isibu lest u aħjar milli chien ighamlu hu?

Huejjeġ tas-sema, Alla jekaf mal kaddeja tighu, chien jibghat l'Anġli mis-sema u daun jokghodu jaħdmu minn floc Isidoru, mita hua icun kighed fil Chnisia, min flocom jadura u iueggaħ l'Alla taħħom.

Tghallmu immela min Isidoru, intom o bdieua, tħallux l'ghamil taghcom ta insara

imħabba fix-xghol tar-raba taghcom. Alla jaħseb u icattar.

Is-serp ta l'gheira, ma nakasx li ma ueriex sninu ma Isidoru tghana. L'ghedeuua gzauħ lis-sinjur tighu u kalulu li kighed ikatta iz-zmien fix xein, ma jaħdemx chem imissu, kighed jisirku, iberbaklu ħueigiu, collox sejjer a tergu, ghaliex hu m'hu ked jeħu ħsieb ta xein, moħħu fil chnisia, u xein ma hu mghoti ghax-xoghol tar-raba. Iban il padrun minnu in-nifsu bisbeticu, jitlalu ghal xein, aħsbu intom chif sar meta sama cliem bħal dan; telalu ghal collox u beda joħoda ma Isidoru b'cull mod u maniera li sata, ighairu ħalliel, kighed tisraklı demmi irrovinaitli ħueigi, bniedem iblaħ, moħħoc ficciait u xein ma inti ragel tax-xghol. Isidoru biered, jilka collox bis sabar, inkas ma jirrispondieħ chelma. Allura Iban kallu: Tajjeb compli aħdem, però jech nisma l'icchen chelma fukec incheccich il barra. Isidoru fl'aħħar uieġbu u kallu: Sinjur, jena jidhirli li dejjem ħdimtiec bil kalb, ħdimt chem flaħt ghaliex dan hua dover tighei; jena dejjem fittixt li nghaddilec ħueigec il kuddiem però jech jena contra kalbi inkast f xi ħagia jeu imħabba fija sofreit xi dannu, jena pront biex impattilec bis-salariu tighi. Iban meta sama dan il cliem simili u ħelu, bired xi ftit u ried jara l'affari seuua chif inhi. Ghalhecc ghamillu l'ghassa u mar xi ftit tard biex jara x'ħin jekaf mix-xoghol, u ma sabux tasseu hemm! Inħallicom taħsbu chif sibel, ħalef li ichecciеħ bis-sakain. Ma ch meraviglia! Iħares lein l'art jara collox maħdum seuua, u flocu hemm zeuġ Anġli tas-sema libsin libsa tant sabiħa, keghdin jaħartu bil bhejjem floc Isidoru, u Isidoru f'nofsom ma jghamel xein, uicciu jiddi bħax-xemx u liebes ilbies l'actar sabieħ.

(*Jissecta*)

## Truf ta gherf.

—

Mita iz-zmien icun mgharrak, l'itual raġel isib ruħu ftit kasir.

Chiecu uieħed jaħseb seu kabel jitchellem, chiecu id-dinja tcun izied fil quiet.

Il ghass jimxi tant bilmod, illi il fakar malair jghaddieħ.

Xgholijet cbar geu mghamula m'hux b'is-saħħa izda bil pacenzia.

Hu cura tal minuti—is-sighat jeħdu cura taħħom infushom.

Il ħsieb ghandu icun *dejjem* kabel dac li tghamel; jecc int kghed tghamel xi ħagia u ma tafx x'ser tghamel kghed tghmel ħazin zgur.

Tista tghamel uisk deni mita tfaħħar bniedem minghair ma jimmeritaħ, jeu tmakdru minghair ma jistokklu, izda l'icbar ħsara tintghamel biccianfir!

Aħna nieclu biex nghaixu u m'hux nghaixu biex nieclu.

Biex tgheix seuua u cuntent ħobb dar *uaħda*, mara uaħda, u aħdem ghalihom biss.

## Notamenti.

—

Fost id-disinji li irceveina ghal blocca tal copertìna tal "Bidui," il Cumitat ghazel dac li is-sottometta iz-zghazuħ u bravu artista is-Sur Alfredo Gerada (jghokod 39 Lampuca Street, C. Paola.) u li dan iddisinn is-sibuħ f'din il ħargia. Barra

milli hù disinn tajjeb u perfett, uiehed jara fieh illi is-sur Fred Gerada gharaf joriginah, ghaliex ahna ebda idea ma taina chif ir-ruh. Id-disinn originali chien il veru daks chif kghed nippublicauh ahna. Il premiu imuieghed mar ghas-sur Gerada, u fil uakt li intuh prosit min kalbna nirriccmandauh lil karrejja taghna li icollhom bzonn ta disinji. Il Blocca inhadmet il "Malta Herald."

*
* *

Chelna il piacir li personalment nghamlu visita lil li spar ta Blye u ma nistghoux nonksu li ma nghaidux illi is-Sur Blye, proprietariu, jisthokklu cull tifhir ghall'attenzioni li jghamel u l'indafa perfetta li izomm fieh. Cull familja fieh is-sib il cumdità collha – lejl u nhar is-Sinjuri u is-Sinjurini Blye jinsabu ghad-disposizioni ta cull min jixtiek jghamel uzu min dac li sptar, li fil posizioni ideali li jinsab hu uisk addattat ghal marid. Scond l'informazioni li hadna, li spejjes li uiehed jghamel mita imur ghal cura hemm, huma inkas milli jghamel mita jigi iccurat id-dar, b'differenza ohra li fli Sptar Blye icollu attenzioni li hu impossibbili li icollu f'daru. Operazionijet jistau isiru bil-lejl u b'inhar. Ghal cull ma icolloc bzonn tista tmur tiftihem mal proprietariu li jehu hsieb collox hu scond ix-xeukat tieghec. Li sptar ta Blye hu sptar ta min jincoraggieh.

*
* *

Nirriccmandau il Cupru li gibet id-ditta Bugeja ta hdejn il Chnisia ta Santu Uistin il Belt, dan il cupru hù mill'ifien qualità. Biex tiehu risultat tajjeb jinhtieglec mistura tajba. Ghandhom ucoll mistura tal cupru mill'ifien ghalchemm id-deuueb fl'ilma, ta effett mill'ahjar. Bosta mil bdieua jippreparau il mistura hazin u japplicaugha hazin ucoll, ghall dir-ragiuni nirriccmandau din *il mistura* izda jinhtieg li il bexx isir bil pompa m'hux bil pinzel. Il Bexx ghand isir *kabel* ma timtess il patata.

*
* *

Scond in-notificazioni tal gvern mahrugia fit 28 ta Lulju 1923, l'importazioni min Franza Europea u mill'America tan-Nord, ta Sigiar, Pianti b'cejjec, tuberi, bulbi u cull basal tal fiuri, tadam u hxejjex frischi, hia ipproibita.

Barra min dan, l'importazioni ta pianti ecc. mill pajjisi tal mediterran (barra min Franza Europea li huma ipproibiti) iridu icunu accompanjati min certificat li juri li m'humiex mimsusa bil filossera. Dan semmeinieh ghaliex bosta chitbulna fuk dan is-suggett.

## F'SANT'ANTON.

—

MANUEL U PAULU

(*Dialogu ta tghalim ghad-delettanti*)

—

M. X'hemm Paul—inti dejjem ghal frisch.

P. X'hemm Manuel—shana uisk, geit indabbar rasi l'haun.

M. X'dalja ghandec chemm hia sabieha.

P. Iva, uahda minn ta l'ahhar ghax ghadni chif kaccatthom.

M. Kaccatthom ghaliex?

# CUN BIDUI GHAKLI

La t̄hallix li jippersuaduc biex ituc xi ħagia u jgheidulec li hì taiba daks in-Nitrat. La tuzax ħag'oħra izda itlob dejjem u *cun zgur* li ituc

## Il Famus Demel Artificiali

# Nitrat tas-Soda

---

Jinxtara min ghand:

| | |
|---|---|
| G. M. BUGEJA & Co. | 25, Sda. Forni, IL BELT (Hdejn il Chnisia ta Santu Uistin) |
| CARMELO VELLA | Vicolo Fauuara, SLIEMA |
| MICHELE MIFSUD | 62, Sda. Vincenzo, SLIEMA |
| THE GENERAL BAZAAR | 17, Piazza Paula, CASAL PAOLA |
| P. MIZZI (AGIUS) & SON | 13, Sda. Margherita, BORMLA |
| FEDELE SPITERI | 23, Sda. Reale, GUDIA |
| A. ABELA | 7, Sda. Reale, C. DINGLI |
| S. MIFSUD | 134, Via Congr. Eucaristico, MUSTA |
| GIUSEPPE MUSCAT | 378, Sda. Reale, C. CURMI |
| GIO. BATTA. SAMMUT | 115, Vallone, BIRCHIRCARA |
| ANTONIO FARRUGIA | 56, Sda. S. Angelo, ZEITUN |
| ALF. G. CAUCHI | " Farm Irdum," STA. VENNERA |
| GIOV. MUSCAT | 26, Sda. Reale, S. PAOLO A MARE |

GHAUDEX, min ghand il CUMITAT TAL GVERN, Segretariu is-Sur GIUS AZZOPARDI, Corso Fortunato Mizzi, ir-Rabat.

*N.B. Id-Ditta G. M. Bugeja & Co. tixtiek tghamel Agenti taiba, ghal informazioni oħra mur 25, Sda. Forni, il Belt. Miftuħ dejjem u nhar ta Hadd sa nofs-in-nhar.*